# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

MEJJU 2003 • IT-23 SENA • GĦADD 230 • NEWSPAPER POST




IR-RABA` MISTERU TAD-DAWL
Ara paġna 10
















# Werrej


**3** ***Jum l-Omm***
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

**4** **Hu jew Hi**
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

**6** **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**8** **Il-ġenerożità ta' Monica**
*minn P. Silvestru Bonavia OFMCap*

**10** **It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

**13** **Tifkira ta' P. Ġużeppi Gauci OFMCap**
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

**16** **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (5)**
*minn Br André Azzopardi OFMCap*

**18** **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

**19** **Mill-qari għall-prattika ta' l-Evanġelju (3)**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

**20** **Via Sagra missjunarja**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

**22** **In-nisrani, il-ħolqien u l-ambjent**
*minn Marika J. Gauci Gifra*

**23** **Aħbarijiet Kapuċċini**

**26** **Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija**
*Tifħir ta' San Franġisk*

**27** **Minn jaf minn fejn ġie?**
*minn Dorian Holland OFS*

**30** **L-Isbaħ Fjura**
*minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap*

**30** **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap*

**31** **Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-40 Ġurnata Dinjija ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.**






**DAWL FRANĠISKAN**

**MEJJU 2003**
**It-23 sena • Għadd 230**




**Qoxra 1:**
***It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu fuq it-Tabor. Perugino – Collegio del Cambio, Perugia.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidħru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidħrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-
Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

EDITORJAL

minn P. Joe Alessandro OFMCap

# Jum l-Omm

Ix-xahar ta' Mejju għal ħafna huwa l-isbaħ xahar fost ix-xhur l-oħra ta' matul is-sena. Fost il-ħafna raġunijiet l-għaliex huwa xahar preferut żgur li waħda minnhom hija għax fih niftakru u nfakkru JUM L-OMM.

Dan il-jum iġibilna ħafna tifkiriet, fosthom ir-rigal tal-ħajja li rċevejna permezz ta' ommna. Il-ħajja hija l-isbaħ rigal li l-bnieden għandu. Rigal mogħti b'ħafna mħabba, ġenerożità u dedikazzjoni l-aktar matul iż-żmien tat-trobbija u tat tfulija. Għalhekk bix xieraq li niddedikaw jum matul is-sena lill-ommijiet kollha li tawna l-ħajja, għożżewna ma' qalbhom, rabbewna sew u wassluna li nkunu kbar biżżejjed biex infasslu ħajjitna.

Iżda r-rispett li nuru lil ommna m'għandux ikun limitat għal jum wieħed biss, għax inkella nkunu qed nirreċtaw farsa. Jum l-omm għandu jkun jum li jiġbor fih u jesprimi s-sentimenti tagħna tal-jiem l-oħra kollha.

L-ommijiet, b'mod partikulari, huma dawk il-persuni li jsawru l-ġejjieni tas-soċjetà mingħajr ħafna daqq ta' trombi, mingħajr ftaħir u mingħajr ħafna kundizzjonijiet. Din ir-realtà l-Knisja hija konxja ħafna tagħha, tant li fit-tagħlim tagħha nsibu: "Nisa miżżewġin ommijiet tal-familja, intom li fil-moħba ta' djarkom tagħtu l-ewwel tagħlim, fittxu li tgħaddu lil uliedkom subjien u bniet dawk it-tradizzjonijiet ta' missirijietkom, filwaqt li tkunu qegħdin tippreparawhom għall-ġejjieni mhux magħruf. Ftakru dejjem li l-omm, permezz ta' wliedha, tagħmel sehem mill-ġejjieni, għad li forsi ma tarahx." Din hija l-vera ġenerożità li tagħmel mill-ommijiet eroj fil-bini ta' soċjetà u ta' kultura favur il-ħajja.

Mulej, bierek lill-ommijiet kollha u kattar fihom l-imħabba tiegħek u seddaq lilhom u l-familji tagħhom.

Lill-ommijiet kollha nixtiqulkom IL-FESTA T-TAJBA.



minn P. Donat Spiteri OFMCap

# Hu jew Hi



L-Immakulata Kunċizzjoni. Affresk ta' Giambattista Tiepolo – Prado, Madrid.

***Għall-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni jew tat-Tnissil ta' Marija bla tebgħa tad-dnub nisimgħu xi predikaturi jgħidu li din il-verità hija rrivelata fil-Bibbja u aktarx isemmu l-kliem li l-Mulej qal lis-serp: "Hi tisħaqlek rasek" (Ġen 3, 15). Issa fil-Bibbja tagħna bil-Malti (Għaqda Biblika u Saydon) naqraw: "Hu jisħaqlek rasek", jiġifieri, il-Messija. Min jisħaq ras is-serp, Ġesù Kristu jew Ommu Marija?***

M'hemmx dubju li l-kelma, il-pronom huwa **hu**, kif inhu fit-test oriġinali Lhudi. Għalhekk jirreferixxi għal "nisel il-mara". It-test Grieg tas-Sebgħin (LXX) għandu wkoll *autòs* (Hu) fil-forma maskili. Imma din grammatikalment ma taqbilx mal-kelma *semen* (Lhudi, *zera'*, "żerriegħa"), li hi fil-forma newtrali. Nissoponu li t-traduttur Grieg ħa l-kelma *zera'* "fis-sens ta' "wild" jew "iben", li f'dan il-kontest tfisser il-bnedmin kollha, ulied il-mara.

Il-pronom **hi**, li bih konna dejjem imdorrijin ġej mit-traduzzjoni Latina, li nsejħulha, il-Vulgata. Din għandha l-kliem *ipsa conteret caput tuum* ("hi tisħaqlek rasek"). Billi din kienet it-test uffiċjali tal-Knisja Latina tagħna sa minn żmien San Ġlrolmu (420 WK), ma setax jonqos li l-pronom *ipsa* (hi) ma jinfluwenzax lil-Latini, eseġeti u predikaturi, biex jirreferu t-test għall-"mara". U għall-ġenerazzjonijiet sħaħ raw fil-figura tal-"mara" lil Marija, Omm Ġesù.

Hekk sabuh tajjeb dan it-test biex bih ifissru r-rebħa ta' Marija fuq is-serp jew ix-Xitan, l-awtur tad-dnub.

Minn din l-interpretazzjoni malajr setgħu jgħaddu għall-ħsieb tar-rebħa ta' Marija fuq id-dnub, rebħa li hi mfissra bl-affermazzjoni sat-tnissil tagħha bla ebda tebgħa tad-dnub jew tal-Kunċizzjoni Immakulata. Il-Papa Piju IX, li ddefinixxa d-domma tat-Tnissil ta' Marija bla tebgħa tad-dnub bil-bolla *Ineffabilis Deus* (8 ta' Diċembru 1854) sab ukoll argument bibliku f'Ġen 3, 15.



Imma, nifhmuha sewwa, il-valur ta' l-argument mhux qiegħed fil-kelma *ipsa*, għax hi pronom femminili, iżda fuq l-interpretazzjoni marjoloġika tat-test kollu. Ftit li xejn jimporta jekk hijiex hi jew hu. Dak li jgħodd hu l-fatt li t-test jippreżenta x-xena ta' ġlieda qalila bejn is-serp u bejn il-mara, u bejn nislu u nisilha.

Mit-tradizzjoni biblika nafu li s-serp hu figura tax-Xitan (Apk 12, 9; 20, 2). U l-mara min hi? Skond il-kontest immedjat ikollna ngħidu li hi l-mara li tissemma bħala s-sieħba ta' Adam, li mbagħad tissejjaħ Eva (3, 20). Imma din Eva, l-ewwel mara, tirrappreżenta n-nisa kollha, "il-mara" f'sens kollettiv. F'dan is-sens ukoll "nisel il-mara" huma l-bnedmin, ulied Eva, li hi "omm il-ħajjin kollha" (3, 20). Hekk ukoll allura għandna nifhmu l-espressjoni "nisel is-serp"; huma, biex ngħidu hekk, ulied ix-Xitan, dawk kollha li jaqgħu taħt il-ħakma tiegħu, jaqduh u jagħmlu dak li jrid minnhom hu.

F'dawn l-erba' versi għandna quddiem għajnejna b'mod sempliċi u meraviljuż ix-xenarju tal-ġlieda bejn il-forzi tat-tajjeb u l-forzi tal-ħażen, bejn l-eżerċtu ta' Alla u l-eżerċtu tax-Xitan. It-taqbida hi qalila miż-żewġ naħat. Imma r-rebħa ta' l-aħħar tkun ta' nisel il-mara. Hu jisħaq ras is-serp.

Ir-rivelazzjoni Kristjana tefgħet dawl ġdid fuq dan it-test. Dawl li fid-dija tiegħu jistedinna nifhmuh b'riferenza għal Ġesù Kristu. Hu, l-Iben ta' Alla, sar bin il-bniedem, nisel il-mara, "imwieled minn mara" (Gal 4, 4). Daħal fil-ħajja tal-bnedmin u ssieħeb ma' wlied Eva fil-ġlieda kontra s-serp, li hu x-Xitan. "Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-Xitan (1 Ġw 3, 8). Għalhekk Ġesù seta' jgħid bid-dritt kollu: "Jiena rbaħt id-dinja" (Ġw 16, 33). Żgur li ħadd minn ulied Eva ma seta' qatt jagħmel stqarrija bħal din fuqu nnifsu. Ġesù Kristu biss hu r-rebbieħ fuq id-dnub u fuq il-mewt. Din hi r-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid. Fid-dawl ta' din ir-rivelazzjoni naraw isseħħ il-profezija tar-rebħa ta' nisel il-mara fuq is-serp: "Hu jisħaqlek rasek." Dan hu, kif insejħulu, "il-Protoevanġelju". L-ewwel tħabbira tal-Bxara t-Tajba.

Imma din l-interpretazzjoni ma noħorġuhiex mit-test waħdu u mit-test fih innifsu kif inhu f'Ġen 3, 15. Dan it-test nifhmuh f'dan is-sens kristoloġiku bis-saħħa tar-rivelazzjoni tat-Testment il-Ġdid u tat-tradizzjoni Kristjana. Hu fid-dawl ta' din ir-rivelazzjoni li noħorġu s-sens sħiħ (*sensus plenior*) ta' Ġen 3, 15.

Hekk ukoll bis-saħħa tar-riflessjoni teoloġika f'din l-interpretazzjoni kristoloġika ta' dan it-test naraw is-sens marjoloġiku tiegħu. Iż-żewġ sensi - kristoloġiku u marjoloġiku - jimxu flimkien, kif flimkien huma l-mara u nisilha. Fil-ġlieda mas-serp mhuwiex in-nisel biss li jitqabad, iżda l-mara jew ommu miegħu wkoll. Jekk f'din l-interpretazzjoni kristoloġika tagħna nisel il-mara hu Ġesù Kristu, il-mara omm in-nisel, hi Marija. Din hi l-interpretazzjoni marjoloġika impliċita f'dik kristoloġika.

Mela, ladarba l-Iben u l-Omm, Ġesù u Marija jissieħbu flimkien fil-ġlieda kontra s-serp, ir-rebħa sħiħa fuqu hi tagħhom it-tnejn ukoll. Hu jisħaqlu rasu. U hi wkoll - miegħu u bih. Ir-rebħa tiegħu fuq id-dnub hi wkoll ir-rebħa tagħha - dejjem permezz tiegħu u fl-għaqda miegħu.

Din hi r-riflessjoni teoloġika tagħna, li minnha jew bis-saħħa tagħha żviluppa sa mill-eqdem żmien tat-tradizzjoni tal-Knisja (diġà minn żmien Sant'Irenew, 202 Wara Kristu) it-twemmin tar-rebħa ta' Marija fuq id-dnub jew, kif ngħidu aħna, tat-tnissil tagħha bla ebda tebgħa tad-dnub.

Aħna nifhmu li l-"mara" tal-Ġenesi fis-sens letterali tat-test hi Eva. Hu fis-sens li nsejħulu tipoloġiku li naslu biex naraw ukoll fih lil Marija, Omm Ġesù. Jiġifieri, fis-sens li Eva hi tip jew figura ta' Marija. Kif Adam hu l-figura ta' Ġesù Kristu (Rum 5, 13-21; 1Kor 15, 45), hekk Eva hi l-figura ta' Marija. Ġesù hu Adam il-ġdid u Marija hi Eva l-ġdida.

Dan kollu kliem sabiħ, imma veru wkoll. Għandna nifhmu li s-sens marjoloġiku ta' Ġen 3, 15 ma joħroġx mit-test kif inhu fih innifsu, iżda mill-interpretazzjoni marjoloġiku tiegħu fid-dawl tat-tradizzjoni Kattolika.

Dan għalina biżżejjed biex nemmnu li Marija hi mnissla mingħajr ebda tebgħa tad-dnub, kif jixirqilha bħala s-Sieħba ta' Binha Ġesù fil-ġlieda tiegħu mas-serp u fir-rebħa tiegħu fuqu.

Hekk aħna wkoll fl-għaqda tagħna ma' Ġesù u ma' Marija noħorġu rebbiħin fuq id-dnub u fuq il-mewt. "Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu" (1Kor 15, 57) - u ta' Ommu u Ommna Marija! ❑

minn P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-Ħajja

***Il-ħsieb ixejħek. Hekk hawn min jgħid. Fil-każ tagħna, din l-istqarrija m'hi vera xejn. Ir-riflessjoni, barra li ssajrek u tagħmlek iżjed għaqli, fl-istess ħin, iżżommok iżjed frisk. Ir-riflessjoni għandha l-ħila li tibnina u tagħmilna kapaċi nitkellmu bis-sens.***

## 1 L-ISTUDJU TAR-RELIĠJON

It-tagħlim tar-reliġjon huwa fattur fis-soċjetà Maltija u f'eżami formali bħalma huwa l-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja kull sena jkun hemm aktar minn 4,000 student li jagħmluh, u bosta minnhom imorru tajjeb. Fis-sena 2002 minn 4,353 kandidat, 85% għaddew. Dan juri kemm is-suġġett huwa popolari u juri wkoll kemm ir-rata ta' dawk li qegħdin jieħdu edukazzjoni reliġjuża hija għolja.

Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, wieħed jaħseb li r-realtà m'hix din, imma wieħed ma jridx joqgħod fuq dak li jisma' jew jissoponi biss, inkella jista' jmur imqarraq.

Jekk is-soltu ċ-ċifri jikxfu l-għawar u jnikktu persuni ta' l-affari tagħhom, minn dak li għadni kemm għedt, dawn, għall-kuntrarju, jikxfu aspetti pożittivi u jġagħlu lil min jifraħ.

L istatistika ta' fuq, iżjed u iżjed meta niftakru li l-gżejjer Maltin għaddejjin minn mewġa qawwija ta' sekulariżmu, għandha għax tikkonslana. Mhux veru li l-ġenerazzjoni li tielgħa ma tridx taf b'reliġjon. Il-fatti mhux hekk juru.

Naturalment iċ-ċifri ta' fuq hemm bżonn li jikbru iżjed, għaliex fis-siegħa li qegħdin fiha iżjed u iżjed qegħdin nintebħu kemm irridu nkunu mkissrin sew fir reliġjon li nistqarru.

Ma għadux iż-żmien li ż-żagħżugħ nisrani biżżejjed ikun jaf tiċliqa ta' reliġjon. Mhux biżżejjed li wieħed jgħid li jemmen. Irid ikollu ħażna ta' tagħlim, miksub bi studju u b'qari, u jkun kapaċi jitkellem b'argumenti konvinċenti dwar il-veritajiet tal-fidi li huwa jistqarr għax iħobbhom u dwar aspetti ta' morali għax huwa jgħixhom. B'hekk tkompli tisseddaq il-fidi fih u taqbad għeruq fl-oħrajn. San Ġakbu jgħallem li l-fidi ssarraf meta tkun imsieħba bl-għemil (2, 14-26) u l-Papa Ġwanni Pawlu II jsostni li jekk il-fidi wieħed iżommha għalih żgur jitlifha.

Il-fatt li jiġu tfal iqerru, tistqasihom jekk joqogħdux attenti għal-lezzjoni tar-reliġjon u jgħidulek minnufih li s-suġġett tar-reliġjon huwa l-iżjed wieħed li jinteressahom.

Dan juri li n-numru ta' żgħażagħ li jridu jagħmlu l-Eżami tar-reliġjon se jikber fil-ġejjieni.

Iż-żgħażagħ iridu jsalvawlha ħajjitha l-fidi li ġab hawn Malta San Pawl bil-miġja missjunarja tiegħu fostna!

***Mulej, kompli nissel fiż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin imħabba dejjem iżjed kbira lejn ir-reliġjon kattolika.***



## 2 KIF SIRNA FUQ *PANELS* FIL-*MEDIA*

Ġieli nsib ruħi fuq ix-xandir ma' ċerti persuni, x'aktarx professjonisti, li fuq suġġetti delikati: relazzjonijiet sesswali qabel iż-żwieġ, pornografija, divorzju, infedeltà fiż-żwieġ, prostituzzjoni ... iżjed jippreferixxu jagħtu opinjoni lajka milli jippruvaw jintegraw il-ħsieb profan tagħhom fid-dawl tat-tagħlim tal-Knisja.

Issa saret komuni ħafna l-espressjoni: "M'iniex nitkellem mill-aspett morali jew nisrani għax dak mhux il-qasam tiegħi" ... "Ma rridx nimponi fuq l-oħrajn il-valuri tiegħi" ... "Se nitkellem ta' bniedem sekular u għalhekk se nipprexindi mir-reliġjon, għax jien m'iniex saċerdot u lanqas reliġjuż/reliġjuża" ...



Ħafna drabi dawn il-professjonisti - esperti fil-materja! - jitkellmu b'ċerta permissività fuq ix-xandir, biex jidhru ħelwin mas-semmiegħa; biex juru kemm għandhom moħħhom miftuħ beraħ u bla għanqbut; biex juru kemm jirrispettaw il-kuxjenza tat-telespettaturi. Ġieli jġibu ruħhom hekk għax ikunu wara l-approvazzjoni ta' min ikun qiegħed jismagħhom; jistgħu jġibu ruħhom hekk għax fil-pubbliku jistħu mill-verità ta' l-Evanġelju li hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu (Rum 1, 16); jistgħu jagħmlu hekk għax ma jkollhomx sens ta' responsabbiltà quddiem il-ħsara li jistgħu jikkaġunaw fil-ħajja tas-semmiegħa; jistgħu jagħmlu hekk għax mingħalihom li jkunu qed jindaħlu fejn ma jesagħhomx - kważi jħossu li qed jagħmlu dnub! - jekk jgħidu xi ħaġa li tolqot l-ispirtu ta' l-Evanġelju, jekk tirrifletti xi prinċipju morali, jekk tmur kontra l-moda tal-mument.

Spiss nisimgħu min jgħid fuq ix-xandir, bi kliem differenti, li jekk timponi verità jew valuri, anki jekk huma mxandra mill-Evanġelju, tkun qed tmur kontra l-libertà reliġjuża jew konta l-kuxjenza ta' l-oħrajn. Dan minn meta l-valuri ta' professjonista - basta jkun jixirqilhom tassew dan l-isem - spiċċaw milli jkunu valuri anki tas-semmiegħa?

Ikun żball bla dubju ta' xejn li wieħed jimponi xi ħaġa fuq il-kuxjenza ta' dak li jkun. Iżda li tipproponi lill-kuxjenza l-verità ta' l-Evanġelju u l-prinċipji morali u etiċi u li tħabbar is-salvazzjoni ta' Kristu b'mod mill-aktar ċar u bir-rispett assolut ta' l-għażliet liberi li tqiegħed quddiem is-semmiegħa - mingħajr l-ebda forma ta' koerċizzjoni jew pressjoni xejn leali u xierqa - mhux talli mhux attentat għal-libertà reliġjuża u għall-kuxjenza talli jkun ta' ġieħ kbir għal dik il-libertà u l-kuxjenza li toffrilhom l-għażla ta' triq li anki dawk li ma jemmnux jqisuha bħala nobbli u ta' unur għall-bniedem.

Għaliex biss il-gideb u l-iżball, id-degradazzjoni u l-pornografija għandu jkollhom il-jedd li jitqiegħdu quddiem għajnejn il-poplu, u spiss, sfortunatament, imposti fuqhom bil-propaganda qerrieda tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali bil-leġislazzjoni tolleranti, bil-biża' tat-tajbin u bl-isfaċċatagni tal-ħziena?

Ċerti professjonisti li jieħdu sehem f'*panel* ġieli jagħmluha ċara li huma nsara. Kif jistgħu jistqarru li huma hekk u mbagħad fl-ordni temporali - il-qasam li proprjament u partikolarment huwa tagħhom - iġibu ruħhom għedewwa tas-salib ta' Kristu? (Fil 3, 18).

Il-professjonisti, li spiss naraw fuq it-televiżjoni u nisimgħu fuq ir-radjijiet, iridu jiftakru x'għallimhom il-Konċilju Vatikan II. Dan qalilhom: "Il-lajċi jiftakru li f'kull ħaġa temporali huma għandhom ikunu mmexxija mill-kuxjenza nisranija, għaliex l-ebda attività umana, lanqas fl-istess ħwejjeġ temporali, ma tista' taħrab mill-awtorità ta' Alla... Għaliex kif wieħed għandu jammetti li l-belt ta' l-art, li bir-raġun hi mogħtija għall-interessi tad-dinja, hi mmexxija minn prinċipji tagħha, hekk bir-raġun ukoll wieħed għandu jiċħad it-tagħlim ħażin li jipprova jibni soċjetà mingħajr ma jagħti kas tar-reliġjon u li jattakka u jissopprimi l-libertà reliġjuża taċ-ċittadini" (LG 36).

***Mulej, agħtini xandara fidili għat-tagħlim tiegħek u tal-Knisja tiegħek.***

TANZANIJA

minn P. Silvestru Bonavia OFMCap

# Il-Ġenerożità ta' Monica

Monica hija tfajla ta' 19-il sena. Ftit niftakar li ltqajt ma' żgħażagħ bħalha li jinsew lilhom infushom biex l-ewwel jaħsbu fl-oħrajn. Isimgħu ftit.

Kien nofs Frar li għadda u studenta li kont għentha fil-ħlasijiet tal-miżati qaltli li hemm tfajla oħra, ħabibtha jisimha Monica, li kienu bagħtuha mill-iskola għax qatt ma setgħet tħallas il-miżati ta' din l-aħħar sena tagħha fis-sekondarja. Talbitni stajtx ngħinha. Bgħatt risposta lil Monica biex tiġi tarani.

L-għada Monica ġiet, bl-uniformi ta' l-iskola u għalhekk mill-ewwel għaraftha.

Isimgħu ftit lil Monica nnifisha tirrakkonta:

"Jien għandi żewġ ħuti oħrajn: tifel akbar minni li jismu Gisbert u oħti iżgħar minni jisimha Agnes. Ommi tieħu ħsiebna ħafna għax missieri kien telaqna fl-1994 meta t-tlieta li aħna konna għadna fl-iskola primarja. Minn dak inhar ommi ddedikat ħajjitha kollha għalina. Kien irnexxielha ssib taħdem fi klinika mmexxija mill-Knisja bħala *hospital attendant*, hawnhekk jgħidulek 'ħaddiem fl-isptar fl-inqas grad'. Fl-istess waqt għandna għalqa mdaqqsa f'raħal ftit 'l bogħod u kienet tieħu ħsiebha. Ommi għamlet minn kollox biex inkomplu u nispiċċaw l-edukazzjoni primarja tagħna, waqt li aħna tgħallimna naqtgħu aktar għal snienna quddiem sitwazzjoni bħal dik.

Mhux biss imma ħija, li kien sena qabli fl-iskola, kien irnexxielu jidħol fi skola sekondarja tal-gvern fejn il-ħlasijiet huma baxxi. Lili ommi bagħtitni fi skola *boarding* immexxija mis-sorijiet ftit 'il bogħod minn hawn. Oħti ż-żgħira, Agnes, sabet ukoll post fi skola sekondarja fir-raħal fejn kienet taħdem ommi.

Imma meta jien kont *Form 2*, inqalgħulna ħafna diffikultajiet u ommi qaltli li jien ma stajtx inkompli nistudja fejn kont. Għalhekk irranġatli niġi fi skola qrib, ġewwa Ruhuwiko stess. Hekk stajt niffranka kemm il-ħlasijiet tal-miżati kif ukoll ħafna traġitti biex immur u niġi lura mill-iskola waqt il-vaganzi. F'dan il-waqt, ħija Gisbert kellu jieqaf ukoll mill-iskola għax ma stajniex inleħħqu. Imma bi ftit għajnuna, sena wara seta' jkompli. Hekk, almenu bis-sagrifiċċju t'ommi, bi ftit għajnuna u b'dak li ffrankajna meta jien ħallejt l-iskola *boarding*, it-tlieta stajna nkomplu l-iskola almenu sa Diċembru li għadda.

Fil-bidu ta' din is-sena, waqt li konna lkoll flimkien, ommi qaltli: 'Monica, dis-sena ma nistax inkompli nħallsilkom ilkoll. L-aħjar li Gisbert jaħdem xi mkien, jaqla' mqar xi ħaġa x'jiekol u inti u oħtok komplu l-iskola'.

Għal dan il-kliem ma nafx x'ħassejt fija dak il-ħin; naf żgur li lil ommi għedtilha: 'Ma, aħjar ħija l-kbir ikompli hu l-iskola; hu ġa kellu jieqaf sena; jekk ikompli u jirnexxilu jgħaddi mill-eżamijiet, forsi jkun jista' jsib xi impjieg anke żgħir biċ-ċertifikat li jkollu. U bil-ftit li taqla' inti u bil-ftit jien u Agnes inkunu nistgħu nkomplu'."

Ommha qablet u hekk għamlu; sa dan it-tant ommha rnexxielha



takkwista ftit għajnuna oħra, anke jekk żgħira, mingħand qassis ħabib tagħhom. Dan nissel tama f'Monica li almenu setgħet tibda s-sena hija wkoll. Imma kienet ferħa bla temma. Wara xi tliet ġimgħat mindu bdiet l-iskola, Monica kienet fost dawk l-istudenti li ntbagħtu d-dar sakemm iħallsu mqar nofs il-miżati, jiġifieri sa Ġunju.

U fejn jgħixu, u kif jgħixu Monica u ħutha?

It-tlieta li huma jgħixu f'dar żgħira li ommhom kienet bdiet tibni ftit 'il bogħod mill-knisja tagħna. Dar b'żewġt ikmamar żgħar; dejjem aħjar mix-xejn; imma ma fiha xejn did-dar! Meta mort jien ftit ilu veru skantajt. Anqas mejda fejn jieklu jew jistudjaw. Ħlief tliet saqqijiet u tlieta jew erba' banketti m'għandhomx!

Meta staqsejt lil Monica x'jagħmlu għall-ikel qaltli:

"Filgħodu jien inlesti ftit tè iswed għalija u għal ħuti; u meta niġu lura mill-iskola nsajjar ftit qamħirrum (bħal polenta) li verament naqsmuha bejnietna bħal aħwa".

U jien pront pront komplejt nistaqsi: "Allura tieklu darba biss mal-ġurnata?"

"Issa drajna hekk; l-istonku jidra wkoll!" weġbitni f'daqqa waħda u bis-sempliċità kollha. Biss almenu din l-ikla ta' filgħaxija ma tonqosx għax ommhom spiss tibagħtilhom jew teħdilhom xi ikel mill-għalqa tagħha għall-ħtiġiet tagħhom.




Hekk Monica, filwaqt li bdiet tmur l-iskola u ħallset ftit flus li kienet iddubbatilha ommha, baqgħet tittama li forsi r-rota ddur. Kull filgħodu baqgħet tmur l-iskola, tipprova b'mod jew ieħor tidħol fil-klassi u ssegwi l-lezzjonijiet sakemm fl-aħħar dak li hu responsabbli mill-ħlasijiet kien idur klassi klassi u dawk l-istudenti li jsib li jkunu għadhom ma ħallsux, jibgħathom id-dar. Anke Monica fl-aħħar messha dix-xorti ħażina.

Madankollu kellha xi ħbieb li kienu jgħinuha bin-*notes* tal-lezzjonijiet. Hekk mill-mitluf kienet tieħu li setgħet. Qatt ma qatgħet qalbha. U fuq kollox baqgħet ħafna bil-għaqal. Xi tfajliet oħrajn f'qagħdiet hekk kienu jmorru jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn, anke ma' rġiel li jsibuhom bħal ħrief lesti għal snienhom, bil-konsegwenzi kollha ta' wara!

Mhux hekk Monica.

Wara xi tliet ġimgħat ta' ħajja hekk, mimlija biss bit-tama, u wara li semgħet minn seħbitha li jien kont għent, ġiet għandi. Kienu l-20 ta' Frar sewwa sew.

Wiċċha kien wiċċ ġdid għalija. Qatt ma kont rajtha, imma mill-ftit li qaltli mill-ewwel stajt nifhimha. B'xorti tajba, kont għadni kemm irċevejt ittra minn Malta fejn wasluli xi donazzjonijiet li wħud minnkom kienu bagħtuli permezz tagħhom fi żmien il-Milied. Għamilt ħafna kuraġġ u inkoraġġejt ħafna lil Monica.

Għedtilha tgħid lil ommha tiġi tkellimni malajr. Ommha tatni aktar informazzjoni fuq il-qagħda tagħha u tat-tfal. Fil-qosor, rajt kif għamilt u sibt ftit żmien biex mort jien stess l-iskola, kellimt lill-*Head Master* li hu kattoliku prattikanti u jiġi l-knisja tagħna, u ħallast dak kollu li kien meħtieġ. Hekk sallum Monica hija ferm kuntenta li setgħet tkompli bla tfixkil u assigurajtha li, jekk tibqa' bil-għaqal u tistudja, sa tmiem dis-sena ma għandux ikollha problemi oħrajn.

Komplejt insegwi ftit dan il-każ. Meta staqsejt lil Monica dwar ir-riżultati tagħha tas-sena l-oħra qaltli li kienet ġiet it-tmien waħda fi klassi ta' 71 student. Tiskantawx li huma 71 fi klassi waħda; dan hu komuni ħafna hawnhekk fi skejjel li mhumiex strettament privati fejn b'xorti kbira jistgħu jkunu fejn 30 u 40 student.

Bir-riżultat tas-sena l-oħra f'idejja rajt li stajt ngħinha ftit ieħor. Il-Mulej tassew ried iħallasha tal-ġenerożità tagħha. Rajt li kellha bżonn għajnuna almenu fl-Ingliż u l-*maths* biex timxi ftit aktar 'il quddiem. Hekk bi ftit flus oħra bdiet tmur għal xi lezzjonijiet privati.

Monica kompliet timpenja ruħha kemm setgħet.

U b'ferħ kbir tagħha u tiegħi... u anke tagħkom issa... fl-eżamijiet li għamlet qabel l-Għid, ġiet l-ewwel fil-klassi u akkwistat marki tajbin: ġabet "B"... Minkejja dak kollu li għaddiet minnu u s-sagrifiċċji kollha li tagħmel, irnexxielha. U ma niddubitax li tkompli hekk anke għal li ġej.

U dan mertu kważi kollu tal-għajnuna tagħkom. Hi tirringrazzjakhom ħafna bħalma wkoll irroddilkom ħajr jien f'isimha u f'isem għadd ta' studenti oħrajn li nipprova ngħin hawnhekk. ❑

minn
P. Martin Micallef OFMCap



*It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu. Tiziano Vecellio (1490 - 1576) Chiesa di San Salvador, Venezja.*

## Ir-raba` Misteru tad-Dawl

# It-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù

L-episodju tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù huwa ċentrali fl-istruttura tan-narrattiva tat-tliet Evanġelji Sinottiċi (Mk 9:2-13; Mt 17:1-13; Lq 9:28-36). Huwa episodju li jimmarka waqt deċiżiv fil-ħajja ta' Ġesù u tad-dixxipli. Dan għaliex il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni tippreparana għall-ġrajja tas-salib u l-mewt ta' Ġesù Kristu, filwaqt li tantiċipa wkoll il-glorja tal-qawmien tal-Mulej Ġesù. It-Trasfigurazzjoni, għalhekk, nistgħu nqisuha bħala ġrajja li tirrivela l-misteru u l-identità ta' Ġesù Kristu, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla.

Kull verżjoni tal-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni fit-tliet Evanġelji tesibixxi l-karatteristiċi tagħha. B'danakollu nistgħu ngħidu li t-tliet verżjonijiet ta' din l-istess ġrajja jirrakkuntaw essenzjalment l-istess sekwenza li tibda fuq nota ta' żmien. San Luqa li jvarja miż-żewġ Evanġelisti l-oħra jiftaħ dar-rakkont billi jinfurmana hekk: "daqs tmint ijiem wara ..." (Lq 9:28), filwaqt li San Mark u San Mattew jgħidulna: "sitt ijiem wara" (M k 9:2: Mt 17:1).

It-Trasfigurazzjoni hija għalhekk il-kontemplazzjoni ta' dak li seħħ sitt ijiem qabel, jiġifieri l-kontemplazzjoni tat-tħabbira ta' Ġesù li kellu jiġi umiljat, isofri, imut u jqum mill-mewt, kif ukoll tas-sehem li d-dixxipli kellhom f'dan il-misteru. L-Evanġelisti jgħidulna fejn mar Ġesù u lil min ħa miegħu biex ikunu xhieda ta' din il-ġrajja. "Ġesù ħa miegħu lil Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni, tellagħhom għalihom fuq muntanja għolja weħidhom" (Mk 9:2).

Dawn huma l-istess tliet dixxipli li ftit qabel Ġesù kien ħa miegħu biex jassistu għall-miraklu tal-qawmien ta' bint Ġajru (Mk 5:21-43) u meta mar jitlob fil-ġnien tal-Ġetsemani fil-lejl qabel ma miet (Mk 14:33). Il-fatt li l-Evanġelisti jinfurmawna li Ġesù "ħa miegħu" lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni fuq din il-muntanja jgħinna mela biex nippreparaw ruħna għal rivelazzjoni oħra u privata fuq il-persuna ta' Ġesù.

It-tliet Evanġelisti Sinottiċi jinfurmawna wkoll li din il-ġrajja seħħet fuq "muntanja." Il-muntanja hija tema teoloġika importanti fl-Iskrittura għaliex din tindika post li jaqta' l-bniedem mill-art u jqarrbu 'l fuq lejn is-sema, il-post fejn jgħammar Alla.

L-Iskrittura tirrakkonta bosta ġrajjiet importanti b'personaġġi magħżulin li ltaqgħu ma' Alla fuq xi muntanja. Il-Profeta Elija, wieħed mill-personaġġi tas-sema li deher ħdejn Ġesù fit-Trasfigurazzjoni tiegħu, wara li kien ħarab mill-qilla tas-Sultana Ġeżabel, mexa 40 jum u 40 lejl, lejn il-Muntanja Ħoreb, u hemm iltaqa' ma' Alla "f'żiffa ħelwa" (1 Slat 19.12).

Mosè, li wkoll deher ħdejn Ġesù trasfigurat, kellu bosta laqgħat intimi ma' Alla fuq il-muntanja Sinaj. Kien fuq din il-muntanja li Alla ta l-Liġi lil Mosè, l-istess kif kien fuq il-muntanja li Ġesù għamel l-ewwel diskors importanti tiegħu li fih ta l-interpretazzjoni vera tal-Liġi (ara Mt 5-7).

Interessanti ninnutaw li meta San Luqa jiġi biex jirrakkonta dan l-episodju tat-Trasfigurazzjoni jgħidilna

xi ħaġa unika: "Ġesù ... tela' fuq il-muntanja biex jitlob" (Lq 9:28). It-talb huwa wieħed mill-karatteristiċi ewlenin li jispikka ħafna fiż-żewġ volumi li kiteb San Luqa. Spiss dan l-Evanġelista jippreżentalna lil Ġesù jitlob, b'mod speċjali f'waqtiet deċiżivi tal-ħajja tiegħu. Ġesù jitlob waqt li kien qed jitgħammed (Lq 3:21); qabel ma għażel lit-tnax-il appostlu (Lq 6:12). San Luqa jgħidilna wkoll li kien f'mument ta' talb li Ġesù staqsa lid-dixxipli min jgħidu n-nies li hu (Lq 9:18). Il-fatt li San Luqa jintroduċi l-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni fuq din in-nota ta' talb hija indikazzjoni oħra li tippreparana għal avveniment importanti ieħor fil-ħajja ta' Ġesù.

L-avveniment hu dak li baqa' magħruf bħala t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù. Dan minħabba l-verb rari li nsibu fil-bidu ta' din il-ġrajja, fejn l-Evanġelisti jgħidulna li waqt li Ġesù kien ma' dawn it-tliet dixxipli fuq il-muntanja "tbiddel quddiemhom" (Mk 9.2). Il verb "tbiddel" [bil-Grieg: *metemorphothe*], użat minn San Mark u San Mattew f'dan ir-rakkont jirreferi f'sens ġenerali ħafna għat-"trasformazzjoni" jew "bidla fil-forma" ta' xi ħadd jew xi ħaġa.

San Luqa, ma jużax dal-verb "tbiddel": minflok jgħidilna: "huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu saret mod ieħor" (Lq 9:29). Huwa San Mattew u San Luqa biss, imbagħad, li fid-deskrizzjoni tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù jitkellmu b'mod espliċitu fuq id-dehra tal-wiċċ ta' Kristu. San Mattew jgħid li: "wiċċu sar jiddi bħax-xemx" (Mt 17:2).




San Mattew iqabbel il-ħwejjeġ ta' Ġesù li saru bojod "bħad-dawl" mal-wiċċ ta' Ġesù li sar jiddi "bħax-xemx" (Mt 17:2). Hekk ukoll San Luqa jikkoordina l-ilbies mal-wiċċ ta' Ġesù li "saru ta' bjuda li tgħammex" (Lq 9:29). Filwaqt li San Mark jgħidilna: "Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija ta' l-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk" (Mk 9:3).

Hawnhekk, l-ilbies abjad ifisser il-premju li Alla ser jagħti lil dawk li baqgħu leali lejh. L-ilbies abjad jiddi u jgħammex ta' Ġesù waqt il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni tiegħu, mela, jantiċipa l-premju tas-sema u r-rebħa tiegħu fuq il-mewt. L-ilbies abjad ta' Ġesù fit-Trasfigurazzjoni jindika l-glorja li Ġesù kellu jgawdi għal dejjem fil-futur wara li jqum mill-imwiet.

Huwa għalhekk li fir-rakkonti tal-qawmien ta' Ġesù nsibu wkoll bosta referenzi għall-ilbies abjad. San Mark jgħidilna li meta n-nisa daħlu fil-qabar ta' Ġesù "raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda" (Mk 16:5). San Mattew ukoll jgħidilna li l-anġlu li niżel igerbeb il-ġebla tal-qabar "ilbiesu kien abjad bħas-silġ" (Mt 28.3). Din id-deskrizzjoni ta' l-ilbies ta' l-anġlu tal-Mulej tixbah perfettament lil dik ta' l-ilbies ta' Ġesù f'din il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni.

Xi ħaġa oħra li rridu ninnutaw dwar il-ħwejjeġ ta' Ġesù fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni hi li dawn l-istess ħwejjeġ ta' Ġesù ttrasmettew qawwa terapewtika. Nafuh l-episodju sabiħ ta' dik il-mara li kienet ilha 12-il sena sħaħ tbati bit tnixxija tad demm. Mela din semgħet b'Ġesù, ġiet qalb il-folla, resqet minn warajh u messitlu l-mantar għax qalet: "Jekk immiss imqar il-mantar tiegħu nkun imfejqa" (Mk 5:27-28). U dak il-ħin stess hija "ħasset li kienet fieqet mill-marda tagħha" (v.29).

Mill-ilbies jiddi ta' Ġesù ngħaddu issa għaż-żewġ personaġġi bibliċi li dehru ma' Ġesù waqt it-Trasfigurazzjoni tiegħu. F'kull verżjoni ta' din il-ġrajja stupenda naqraw li Mosè u Elija dehru jitħaddtu ma' Ġesù. Mosè, kif ukoll Elija, huma żewġ personaġġi bibliċi li ltaqgħu ma' Alla fuq il-muntanja Sinaj jew il-Ħoreb. It-tnejn li huma batew bħala profeti. It-tnejn li huma għamlu bosta mirakli u għeġubijiet. It-tnejn li huma ġew ppreżentati bħala personaġġi marbutin mal-Liġi.

Ħafna, iżda, huma tal-fehma li Mosè u Elija dehru ma' Ġesù għaliex dawn jirrappreżentaw iż-żewġ taqsimiet tat-Testment il-Qadim: il-Liġi u l-Profeti. Mosè jirrappreżenta l-Liġi. Elija jirrappreżenta l-Profeti.

Il-Liġi u l-Profeti huma d-don li bih Alla akkumpanja lill-poplu tiegħu. Il-fatt li Ġesù qed jidher f'nofshom juri li t-Testment il-Qadim, (il-Liġi u l-Profeti), issa qed isib il-milja tiegħu fil-persuna ta' Ġesù Kristu.

San Luqa, imbagħad, huwa l-uniku Evanġelista li jagħtina wkoll il-kontenut tal-konversazzjoni li saret bejn Ġesù u dawn il-personaġġi tat-Testment il-Qadim. "Mosè u Elija dehru fil-glorja jitħaddtu fuq l-eżodu tiegħu li kellu jiġi mwettaq f'Ġerusalemm" (Lq 9:31) Bl-użu tal-kelma "eżodu" hawn, San Luqa ried jurina li l-konversazzjoni kienet dwar il-ħruġ jew il-passaġġ ta' Ġesù minn din id-dinja għal għand il-Missier, jiġifieri, il-mewt ta' Ġesù li kellha titwettaq f'Ġerusalemm.

Dan kollu jdaħħalna issa għar-reazjoni ta' Pietru quddiem din id-dehra: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija" (Mk 9:5). Mill-ġdid, hawn ninsabu quddiem sfond bibliku li hu rikk ħafna fis-simboliżmu. Xi wħud iħarsu lejn dawn it-tined bħala referenza għall-festa tat-Tined jew tat-Tabernakli li l-Lhud kienu jiċċelebraw ta' kull sena. Matul din il-festa, il-Lhud kienu jagħmlu pellegrinaġġ għall-belt ta' Ġerusalemm, u matul il-jiem ta' din il-festa huma kienu jgħammru "fit-tined" sabiex jiftakru kif għexu missirijiethom meta dawn ħarġu mill-jasar ta' l-Eġittu. Hekk ukoll, jidher, li ried jagħmel Pietru. Bil-bini tat-tliet tined, dan l-appostlu ried jiċċelebra dak li Alla kien qed jagħmel f'din it-Teofanija.

Suġġeriment ieħor li jista' jgħinna nifhmu l-isfond bibliku tal-bini tat-tliet tined huwa t-Tinda tal-Laqgħa. Meta l-poplu Lhudi ħareġ mill-jasar ta' l-Eġittu u beda l-mixja tiegħu fid-deżert, huma bnew din it-tinda li fuqha kienet tinżel tgħammar il-glorja ta' Alla. Jekk dan huwa l-isfond bibliku tas-suġġeriment ta' Pietru, allura dan ifisser li t-tined li ried jibni setgħu issa jservu bħala post fejn Alla seta' jikkomunika mill-ġdid mal-bniedem.

Mit-tinda ngħaddu għall-isħaba. "Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi, isimgħu lilu'" (Mt 17:5). L-isħaba serviet biex issa ngħaddu għar-rivelazzjoni proprja tal-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù. Mill-ġdid irridu ninnutaw li l-motiv ta' l-isħaba mhuwiex wieħed ġdid fil-letteratura biblika.



*It-Trasfigurazzjoni.*
*Pittura ta' Francesco Vacellio*
*Knisja ta' San Salvador, Venezja.*

Fit-Testment il-Qadim insibu bosta episodji li jagħmlu referenza għall-isħaba bħala s-simbolu tal-preżenza tal-glorja ta' Alla fost il-poplu tiegħu. Il-kapitlu 24 tal-ktieb ta' l-Eżodu jirrakkonta kif: "Mosè tela' fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja. Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt ijiem; u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba" (Eż 20:15-16).

Hekk ukoll fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni, il-Mulej kellem lit-tliet dixxipli minn ġos-sħaba, l-istess kif ħafna qabel kien kellem lil Mosè mis-sħaba u qalilhom: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi: Isimgħu lilu" (Mt 16:5). U hawn nilħqu l-qofol tar-rakkont tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, li jservi biex jurina min hu tassew dan Ġesù. Ġesù hu l-uniku Iben ta' Alla, li fih il-Missier sab il-għaxqa tiegħu.

Għalhekk, il-leħen mis-sema seta' jkompli jgħid: "Isimgħu lilu" (Mk 9:7). Dan hu l-mandat urġenti ta' Alla fit-Trasfigurazzjoni ta' Ibnu Ġesù. Issa, id-dixxipli ma kinux ser jisimgħu lil Ġesù sempliċiment bħala profeta bħalma kienu Mosè u Elija li dehru miegħu. Minflok, id-dixxipli ġew mistednin direttament minn Alla stess biex jisimgħu minn Ġesù bħala Ibnu l-Maħbub.

Li tisma' hawn ifisser illi tifhem u tobdi. Huwa minħabba f'hekk ukoll illi fl-ikoni Biżantini antiki, li jirrappreżentaw din il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù, Mosè u Elija huma ħafna drabi ppreżentati mgħawġin lejn Ġesù donnhom xi ark ta' xi qaws. Din il-pożizzjoni turina kif dawn iż-żewġ personaġġi bibliċi huma f'atteġġjament ta' umiltà, ta' ubbidjenza u ta' adorazzjoni lejn l-Iben ta' Alla li lilu rridu nisimgħu. ❑

minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap



# Tifkira ta' Patri Ġużeppi Gauci OFMCap



*Lemin: Ġużeppi f'jum l-Ewwel Taqrbina. Isfel: Qabel ma daħal mal-Kapuċċini*



Fi żmien qasir ta' 15-il ġurnata, il-Mulej għoġbu jsejjaħ għal ħlas mistħoqq tnejn mill-Aħwa Missjunarji tagħna: l-ewwel lil P. Taddew Schembri fl-20 ta' Jannar 2003, u warajh lil P. Ġużeppi Gauci fis-7 ta' Frar 2003.

Jekk il-mewt ta' P. Taddew kienet bħal sajjetta fil-bnazzi, din ta' P. Ġużeppi ma kenitx inqas minnha. It-tnejn kienu qishom ta' età waħda: 62 sena ta' l-ewwel, 61 tat-tieni. It-tnejn twieldu u għexu tfulithom f'Ħaż-Żabbar. Fis-16 ta' April 1970 it-tnejn flimkien ħallew xtutna biex imorru fl-Etjopja jagħtu s-servizz spiritwali fost Insara Kattoliċi tar-Rit Latin, speċjalment dawk foqra u mwarrbin. Iktar tard insibuhom it-tnejn jaħdmu fil-Missjoni ta' Garissa fil-Kenja.

## AMMIRATUR TA' P. KRISPIN GALEA

Ġużeppi Gauci kien it-tieni wieħed fost sebat aħwa, ulied Duminku u Kunċetta mwielda Zammit. Bħal xi żgħażagħ oħra ta' żmienu, huwa kellu l-ħsieb li jidħol jaħdem id-*Dockyard* bħala *Apprentice*, iżda ma damx ma ħass is-sejħa tal-Mulej għall-ħajja kkonsagrata fl-Ordni ta' l-Aħwa Minuri Kapuċċini. Kif jistqarr hu nnifsu, Ġużeppi kien jammira ħafna lil P. Krispin Galea OFMCap, mir-Rabat, Għawdex, (li aktar tard sar Provinċjal) għas-serjetà fl-imġiba tiegħu u għas-sigħat twal li kien jgħaddi jqarar fil-Knisja ta' Santa Barbara, il-Kalkara. Għalhekk biex jilħaq dan il-għan, fl-1954 huwa ħalla l-Iskola *St. Michael's* u beda jattendi dik magħrufa s-*Seraphic School* tal-Kapuċċini fil-Furjana, imwaqqfa għaż-żgħażagħ imħajrin għall-ħajja reliġjuża.

F'Ottubru 1958, tliet ġimgħat qabel beda n-Novizzjat, mietet ommu. Il-mewt tagħha ħassha ħafna, imma xorta baqa' sħiħ fis-sejħa li għamillu l-Mulej.

***Isfel: F'jum l-Ordinazzjoni Saċerdotali.***

***Isfel xellug: Fra Ġużepp fin-nofs flimkien ma' Ilarju Abela u Alfred Baldacchino waqt in-novizzjat.***





## FIL-BELT TA' FIRENZE

Fir-raba' sena tal-Kors tat-Teoloġija, Ħuna Ġużeppi ġie ordnat presbiteru flimkien ma' Patri Ilarju Abela u Patri Alfred Baldacchino (it-tlieta minn Ħaż-Żabbar) fil-11 ta' Marzu 1967 mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Wara l-Ordinazzjoni, Patri Ġużeppi, flimkien ma' sħabu marru għal sena (1967-1968) fil-Fraternità tal-Kapuċċini ta' Montughi ġo Firenze biex jitħarrġu fit-tagħlim u fil-prattika tal-ħidma pastorali bħala parti mill-Kors kollu tat-Teoloġija.

Kif Patri Ġużeppi ġie lura Malta, is-Superjuri ħatruh bħala Viċi-Direttur ta' l-Istudenti fil-Kunvent tal-Kalkara, sakemm fl-1970 Patri Ġużeppi u Patri Taddew telqu lejn l-Etjopja.

## F'ADDIS ABABA

Waqt li P. Taddew wettaq l-appostolat tiegħu f'Ġiġiga (Ħarar), Patri Ġużeppi Gauci waqaf fil-belt kapitali ta' l-Etjopja, Addis Ababa, bħala Viċi-Kappillan tal-Parroċċa San Salvatore. Hemm Ħuna Ġużeppi kien imfittex ħafna minn bosta familji Etjopiċi, Taljani u barranin oħra. Iżda wara tliet snin, hekk kif il-Kapuċċini Maltin ħadu f'idejhom il-Missjoni ta' Garissa fil-Kenja, huwa rritorna Malta biex issieħeb ma' l-ewwel grupp ta' Missjunarji li għamlu ċ-ċerimonja tat-tluq tagħhom fil-Knisja Parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, nhar is-6 ta' Jannar 1974.





*Fuq nett: P. Ġużeppi waqt it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja f'Wajir, il-Kenja.*
*Taħt: L-inawgurazzjoni tal-knisja l-ġdida.*



*P. Ġużeppi flimkien mas-Sorijiet Franġiskani u studenti li jattendu fl-iskola tagħhom f'Addis Ababa, l-Etjopja, 1972.*

## F'GARISSA

L-Ewwel esperjenza missjunarja tiegħu fil-Missjoni ta' Garissa għamilha fl-Istazzjon ta' Wajir. Hemm ħadem għal 8 snin sħaħ fejn bena knisja sabiħa ħafna ddedikata lil San Ġużepp, fuq disinn li kien għamillu Patri Taddew Schembri. F'dan l-istazzjon Patri Ġużeppi kien responsabbli mit-tmexxija tal-*Girls Town*.

Minn hemm għadda għall-istazzjon ta' Wema fejn kien impenjat sewwa, flimkien ma' Patri Spiro Galea, fil-ksib ta' ikel għall-foqra tal-post. Patri Ġużeppi ta wkoll is-servizz tiegħu fil-Parroċċa ta' Ruiru, 'il barra minn Nairobi, imbagħad fid-Dar ta' Langata ma' l-Istudenti Kenjani. Il-parruċċani ta' Mpeketoni raw ukoll fosthom lil Patri Ġużeppi jħabrek biex jgħinhom f'kull ħtieġa.

L-aħħar ħidma tiegħu sal-1998 wettaqha fid-Dar ta' Formazzjoni tal-Postulanti f'Umoja, bħala Gwardjan. Minn Umoja huwa kien jieħu ħsieb is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù f'Hongue u jżur l-Insara f' *Out-Stations* oħra.

P. Ġużeppi ħalla isem tajjeb kulfejn kien għax ħadem dejjem bil-qalb u b'ħeġġa ġenwina u trasparenti, kif qal ukoll il-Ministru Provinċjal P. Crispin Tabone fl-omelija tal-funeral: "... ma kienx juri wiċċ b'ieħor, imma jgħid

*P. Ġużeppi jgħin lin-nies fl-istazzjon ta' Wema, il-Kenja.*



kollox bl-onestà, kif iħossha, iżda dejjem bid-daħqa u bl-imħabba. Qatt ma qala' inkwiet, qatt ma żamm f'qalbu, qatt ma fittex li jidher. Dejjem ħa gost jaħdem fost dawk li huma l-aktar fil-bżonn."

## "KONT XI FTIT KALM"

F'kumment li għamel fuq il-ħajja missjunarja tiegħu, P. Ġużeppi jgħid: "Meta konna Studenti kellna l-Kumitat tal-Missjoni... Jien għalkemm forsi kont xi ftit kalm aktar minn sħabi, dejjem urejt ix-xewqa li mmur fil-Missjoni. Meta kien jiġi xi missjunarju tagħna mill-Indja, dejjem ħassejt tikber fija x-xewqa li xi darba nkun missjunarju". Imbagħad ikompli: "Esperjenzi kelli diversi: xi wħud sbieħ u oħrajn koroh. Problemi jeżistu kullimkien. Fil-missjoni rridu nkunu maturi biżżejjed biex nagħrfu nħolluhom b'suċċess. Irridu kuraġġ, nafdaw f'Alla, u fuq kollox ngħixu ħajja ta' talb... Mal-mard, qtigħ il-qalb u sitwazzjonijiet diffiċli, ikollok ukoll bosta konsolazzjonijiet spiritwali."

## KAPPILLAN FIR-RESIDENZA ST. VINCENT DE PAULE

Mis-sena 1998 P. Ġużeppi għex fil-Provinċja mal-Fraternità tal-Kalkara. Tassew li ħalla l-ħidma missjunarja, imma ma damx ma ntafa' f'ħidma oħra: dik ta' assistenza spiritwali mar-residenti fil-Kumpless ta' San Viċenz de Paule. Hemm kien kuntent u kburi li seta' jagħti sehmu f'dan il-qasam ta' appostolat tal-Provinċja, li huwa apprezzat ħafna mill-poplu ta' għiritna u magħruf mill-awtoritajiet tal-Knisja u ta' l-Istat.

## IT-TMIEM TA' ĦAJTU

Tabilħaq f'dawn l-aħħar snin, saħħet P. Ġużeppi ma kenitx tajba għal kollox, imma ħass ħażin ta' malajr li wasslu għall-mewt b'attakk f'qalbu ma stennieh ħadd. Dan kollu ġara fil-kamra tiegħu għall-ħabta tas-6.30 p.m. nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2003, ftit tal-ħin wara li spiċċa mill-qrar fis-sagristija tal-Knisja tal-Kapuċċini, il-Kalkara.

Fid-9 ta' Frar 2003 il-Provinċjal mexxa quddiesa *De Requie* imsieħeb minn bosta Aħwa Kapuċċini fl-istess knisja. Ħadu sehem ukoll xi Saċerdoti Djoċesani, fosthom il-Kappillani tal-Kalkara u ta' Ħaż-Żabbar. F'din il-quddiesa ssieħbu ħutu u l-familjari tiegħu, ħbieb u benefatturi tal-Missjoni. Id-difna saret fiċ-ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.

Waqt li rroddu ħajr lill-Isqfijiet ta' Garissa u ta' Malindi, lill-Viċi-Provinċjal u lill-missjunarji kollha tal-Kenja għas-simpatija li wrew magħna, nixtiequ nagħtu għomor twil lil ħutu u lil qrabatu u l-familji tagħhom. Irroddu ħajr lil Alla talli tana lil P. Ġużeppi Gauci u nibqgħu ngħożżu l-eżempji sbieħ li ħallielna. RIP. ❑



*P. Ġużeppi mal-Postulanti fis-Seminarju ta' Umoja, il-Kenja.*

minn Br André Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IL-ĦAMES PARTI

F'din il-ħarġa sejrin inkomplu nterrqu fl-imqades tagħna u naraw xi xbihat oħra ta' dan il-qaddis li juru l-qima li ħutna l-Maltin minn dejjem urew.

Hawnhekk nixtieq irrodd ħajr lis-Sur Walter Camilleri tat-tagħrif siewi li bagħatli rigward dawn ix-xbihat li jinsabu f'din il-Knisja Parrokkjali.

Fil-**Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu** ġewwa l-**Ħamrun** hemm statwa ta' San Frangisk li qed ibierek lil Santa Elizabetta ta' l-Ungerija (1207-1231) u lil San Ludoviku Re ta' Franza (1214-1270), patruni tat-Terz'Ordni Franġiskan. L-istatwarju kien Wistin Camilleri ta' Għawdex u nħadmet bejn is-sena 1958 u 1962. L-Ordni Franġiskan Sekular f'din il-Parroċċa issa sfaxxa u għalhekk m'għadhiex issir il-festa f'ġieħ dan il-qaddis. Il-pedestall li naraw f'wieħed mir-ritratti mehmużin ma' dan l-artiklu, illum insibuh taħt l-istatwa ta' Sant'Antnin fil-Knisja ta' San Franġisk tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali f'Birkirkara. Il-bradella tinsab taħt il-vara titulari ta' Santa Venera fir-raħal li jġib l-isem ta' din il-qaddisa.





Fl-istess Knisja Parrokkjali nsibu sotto kwadru ta' San Franġisk li qabel ma tneħħew l-artali laterali kien fuq l-artal ta' Sant'Antnin ta' Padova. Il-pittur hu l-magħruf Lazzaro Pisani u sar bejn wieħed u ieħor fl-1929.

Illum dan jinsab fis-sagristija ta' l-istess knisja flimkien ma' kwadri oħra. Il-kwadru hu mdawwar minn gwarniċun ta' l-injam indurat bid-deheb u fin-naħa ta' fuq hemm l-arma ta' l-Ordni Franġiskan skolpita fl-injam.

Statwa oħra tinsab fil-**Knisja tal-Patrijiet Minuri l-Ħamrun** iddedikata lill-istess qaddis f'dan il-lokal. Din ġiet maħduma minn Wistin





Camilleri fejn turi l-għoti tal-pjagi lil San Franġisk u tbierket f'Marzu tal-1959. Fuq il-kampnar ewlieni tal-knisja, Marku Montebello ħadem statwa tal-ġebel li turi lil San Franġisk b' idejh miftuħa. Din tbierket u ttellgħet fil-21 ta' Frar 1960.



Fl-1736, il-**Patrijiet Franġiskani Kapuċċini** waqqfu kunvent fil-limiti tal-Parroċċa tal-Birgu fiż-żona **tal-Kalkara** eżattament f'Ta' l-Għasli. Il-knisja li nbniet ġiet iddedikata lil Santa Barbara Martri iżda hija magħrufa iżjed bħala ta' Santa Liberata minħabba l-korp sant li nsibu f'din il-knisja. Minħabba r-rabta li hemm ta' din il-Knisja ma' l-Ordni Franġiskan Kapuċċin, insibu xi xbihat tal-qaddis t'Assisi. Fil-fatt maġenb il-kwadru titulari, li juri lil Santa Barbara Martri li hu xogħol mill-aqwa ta' pittur Taljan, naraw żewg kwadri laterali oħra. Dawn huma dawk ta' San Franġisk t'Assisi *(ritratt fuq)* u ta' San Duminku ta' Guzman. Dak ta' San Franġisk t'Assisi hu maħsub li sar minn Antonio Falzon fl-1862 u juri lill-qaddis bil-Bibbja f' idejh.

Insibu wkoll artal li hu ddedikat lil dan il-qaddis. Il-kwadru li hemm fuqu sar fl-1926 minn Abram Gatt billi hemm ismu fuq il-kwadru. Fuq l-istess kwadru hemm il-kelmiet *Donavit M. Vella* bl-arma ta' l-istess familja. Dan Vella jidher li kien il-benefattur ta' dan il-kwadru.



Fl-istess Knisja nsibu statwa ta' dan il-qaddis *(isfel)* li tintrama fil-jiem tal-festa tal-qaddis. Din tixbah ħafna lil dik tal-knisja ta' l-istess patrijiet fil-Floriana minkejja li nistgħu naraw xi differenzi. Mhux magħruf minn seta' kien l-artist wara din l-istatwa jew id-data ta' meta nħadmet. ❑



minn P. William Axiaq OFMCap

# QTAJT JIESI MINN ŻEWĠI

*Father*, ir-raġel tiegħi mhu bl-għaqal xejn. Narah 'il bogħod mill-Knisja, ħajja sagramentali ma jridx jaf biha, *films* pornografiċi fuq it-televiżjoni jitpaxxa bihom. Barra minn hekk, ġieli għaddieli minn widnejja li rawh il-*casino* jilgħabhom u anki qabduh jagħti fastidju lil xi nisa. Billi qabel ma żżewwiġt kont niffrekwenta għaqda reliġjuża, fija hemm ħafna fiduċja f'Alla li kapaċi jbiddel ħajjet żewġi, imma kultant naqta' qalbi għal kollox. Nemmen li Alla kapaċi jbiddel iż-żonqor f'għajn ta' ilma ġieri u l-ħaġar f'ulied Abraham, imma issa donni qtajt jiesi minn żewġi. Għandek xi kelma ta' faraġ għalija f'din is-sitwazzjoni għax avolja żewġi jinsab f'din il-qagħda xorta waħda għadni nħobbu.

Qabel xejn nixtieq infakkrek li inti mezz ta' salvazzjoni għar-raġel tiegħek. Ir-raġel ma jistax isalva jekk mhux permezz ta' martu. Din trid titqaddes u titlob għalih dejjem, iżjed u iżjed jekk ikun xi ftit imbiegħed minn Alla. Trid tittrattah tajjeb għax, kif qalilna San Pawl, ir-raġel jintrebaħ għal Kristu bis-saħħa tal-mara tiegħu (1 Kor 7, 14).

Barra minn hekk, ftakar ukoll kemm it-talb tal-bniedem ġust magħmul bil-ħerqa għandu qawwa kbira fuq il-qalb ta' Alla (Ġk 5, 16; Mk 9, 28). Dak li nixtieq ngħidlek fis-sitwazzjoni li tinsab fiha hu dak l-istess kliem li saċerdot Afrikan fi knisja qrib il-baħar f'Kartaġni kien iħobb jgħid lil Santa Monika meta din kienet tmur tkellmu tibki fuq il-qagħda mwiegħra spiritwalment ta' binha Wistin li naturalment kien għadu pagan: "Ma jistax ikun li tifel ta' tant dmugħ jintilef". Kif nafu hekk ġara. Hekk ukoll fil-każ tiegħek ma jistax ikun li raġel ta' tant tħassib min-naħa tiegħek, jintilef. Ibqa' ċerta minn hekk. Kristu stess qalilna li min jitlob jaqla', basta jkollu l-fidi (Mt 7, 7; Mt 21, 22).



Fil-katalgu tal-qaddisin, hemm ċerti nisa miżżewġin li kellhom żwieġhom li għamlulhom ħajjithom tqila għall-aħħar, l-aktar minħabba l-mod ħażin kif kienu jgħixu z-zwieġ tagħhom. Se nfakkrek fi tlieta partikulari. Dawn huma Vanna mart Jacopone da Todi (1230-1306), Eliżabetta tal-Portugal (1271-1336) u Eliżabetta Canori Mora (1774-1825).

Ġakbu, imlaqqam Jacopone (Crazy Jim), ir-raġel ta' Vanna, kien avukat kapaċi ħafna imma kien vanituż u mundan. Martu kienet umli, devota u ġeneruża. Kienet taf bil-ħajja li kien qiegħed jgħix żewġha u bdiet tilbes iċ-ċilizju biex issalvah bis-sagrifiċċji tagħha. Darba minnhom, għax-xewqa ta' żewġha, attendiet għal *tournament* pubbliku f'Todi. Il-post fejn kienet bilqiegħda hi u nisa nobbli oħrajn ċieda u waqa' u korriet gravement. Meta neħħewlha ħwejjiġha minn fuqha, ir-raġel ra ċ-ċilizju u fehem mill-ewwel għal liema raġuni martu kienet ilha tilbsu. Qabel ma mietet iddeċieda li jbiddel ħajtu u wara l-mewt tagħha sar Terzjarju Franġiskan u wara għaxar snin daħal Franġiskan.

Dijoniġi (Denis), ir-raġel ta' Eliżabetta tal-Portugal, kien infidil għall-aħħar ma' martu. Hi kienet taf imma dejjem baqgħet tittrattah tajjeb u titlob 'l Alla għalih. Meta mietet ikkonverta u baqa' jgħix ħajja qaddisa l-kumplament ta' ħajtu.

Kristoforu, żewġ Eliżabetta Canori Mora wara ftit li żżewweġ beda jkun infidil ma' martu. Hi saret taf imma qagħdet kwieta titlob u ssofri għalih. Meta mietet biddel ħajtu, ġietu l-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża u daħal mal-Franġiskani Konventwali.

Ninsab konvint li jekk titlob ħafna għar-raġel anki inti għad tgħaddi minn din l-esperjenza li għaddew minnha l-persuni li semmejtlek. Imma trid tistenna bħalma għamlu huma. It-tama f'Alla, li f'idejh għandu l-qlub tal-bnedmin, żgur ma tiddiżappuntakx (Rum 5, 5). Għalhekk anki meta ma jkollok ebda tama li żewġek se jinbidel spiritwalment u moralment, xorta waħda ibqa' ttama u emmen (Rum 4, 18). Inti għalaqt l-ittra tiegħek billi għedtli li għadek tħobb lil żewġek avolja jinsab fiex jinsab. Tinsiex mela x'qalilna San Pawl meta kiteb li l-imħabba, barra li kollox tittama, għandha wkoll il-kapaċità li fl-aħħar kollox tirbaħ (1 Kor 13, 7). ❑

minn P. Frans Abela OFMCap

# Mill-qari għall-prattika ta' l-Evanġelju

IT-TIELET PARTI

## Barkiet evanġeliċi għejun ta' hena

Hieni dak u risqu tajjeb, tisma' jgħid għal ħaddieħor, min iħossu xortih ħażina u lilu qatt ma tiġih waħda tajba. Imma l-hena u r-risq huma stat ta' ħajja soġġettiva u jiddependu minn kif inħarsu lejhom u x'nifhmu sew bihom.

Ġesù fl-Evanġelju ta' San Mattew (5, 1-12) u f'dak ta' San Luqa (6, 20-23) jiddistingwi bejn hena veru u hena taparsi, huwa u juża ripetutament il-frażi "henjin intom" sabiex jindikalna l-persuni verament henjin. Insemmi biss tliet barkiet proposti minn Ġesù fl-Evanġelju, barka jew hena moħbija fin-niket, persekuzzjoni u tgħajjir. Skond Ġesù: "Henjin l-imnikkta għax huma jkunu mfarrġa. Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet. Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' gideb kontrikom minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet" (Mt 5, 4. 10-12). Mela dawn il-barkiet qed iwiegħdu hena u faraġ lil min isofri ħoqrien bla ħtija. U dan donnu jidher li hu paradoss; però mhux għal Franġisku. Huwa kien bniedem li qabel ma ppriedka lil min jgħix l-Evanġelju mill-għeruq isir kapaċi jislet il-ferħ u l-hena mid-deni li jirċievi, esperimenta b'imġibtu din ir-realtà. Imġiba li kważi ma titwemminx! "Darba waħda Franġisku, liebes ħwejjeġ imqattgħa, daħal f'bosk ifaħħar 'l Alla bil-kant bi lsien Franċiż. Hemm iltaqa' ma' xi manigoldi li staqsewh min hu. Bla tlaqliq weġibhom li hu kien 'il-ħabbar tas-Sultan il-Kbir'. Wara li tawh xebgħa tefgħuh ġo ħofra mimlija silġ u borra u qalulu: "Ogħqod hemm ja ħabbar vili ta' Alla!" Wara li dabbru rashom, hu bla ma seħet xortih jew xtaqilhom id-deni, sempliċement qam minn ġol-ħofra, farfar il-borra minn fuqu, u kollu ferħan kompla jfaħħar 'l Alla b'leħen aktar għoli, leħen li mela l-bosk" (I Cel 16).



## Għeluq

L-għan ta' dan l-artiklu hu messaġġ ovvju: jeħtieg li qabel ma nxandru l-kelma ta' Alla u qabel ma nħajru lill-oħrajn jgħixu l-Evanġelju, irridu ninfurzaw ix-xandir b'għemil li jidher minn barra ħalli ma jgħidulniex: "Tabib, fejjaq lilek innifsek". Il-ferħ u l-hena spiritwali tax-xandar miksubin mill-qari u r-riflessjoni personali ta' l-Evanġelju jipperswadu lis-semmiegħa ħafna aktar minn kull priedka mirquma jew elaborata b'ħafna kliem sabiħ. ❑

minn P. Philip Cutajar OFMCap

# VIA SAGRA missjunarja

## IL-ĦAMES STAZZJON



**ĠESÙ MEGĦJUN MINN XMUN IĊ-ĊIRINEW JERFA' S-SALIB**

Anke inti Mulej ħassejtu tant iebes is-salib li mhux biss waqajt għal kemm-il darba taħt il-piż tiegħu imma wkoll ippermettejt li xi ħadd jiġi jgħinek sabiex terfgħu u ġġorru sal-Kalvarju. U għalkemm, b'mod sfurzat u obbligat mis-suldati Rumani, daħal il-bidwi Xmun minn Ċirene... u inti aċċettajt b'umiltà l-għajnuna tiegħu.

U llum ukoll Mulej inti, bħal Xmun iċ-Ċirinew, mhux għax obbligat imma għax tħobb b'imħabba infinita, tidħol sabiex tgħinna nerfgħu u nġorru s-salib ta' kuljum. U dan inti tagħmlu b'diversi modi u ġesti ta' mħabba. Tagħmlu permezz tal-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħek li jgħammar fina, tagħmlu permezz tal-Knisja Omm u għalliema, tagħmlu permez tal-missjunarju, tagħmlu permezz ta' tant nies li jħobbuna f'ismek u f'ismek jagħtuna kull għajnuna possibbli. U l-poplu tiegħek li qed jgħix fl-artijiet tal-missjoni, artijiet li l-biċċa l-kbira tagħhom huma ferm 'il bogħod mill-iżvilupp mixtieq u mistħoqq b'ġustizzja, poplu li qed jgħix mgħaffeġ taħt is-salib, inti wkoll tipprovdilu f'ismek lil Xmun iċ-Ċirinew sabiex jgħin, itaffi, ifejjaq, jitma', jisqi, jgħallem, ilibbes, imma fuq kollox jevanġelizza billi jħabbar l-imħabba tiegħek.

Imma Mulej min huwa fil-verità x-Xmun minn Ċirine li inti tibgħat sabiex jgħin lil dawn in-nies li tant qed isofru?

• Huma l-aġenzija multimiljunarji li dment li qed iqassmu ikel u mediċini lill-artijiet tat-Tielet Dinja qed ikomplu aktar jistagħnew bis-saħħa tal-faqar ta' dawn in-nies?

• Huma l-gvernijiet li minn dak li jirċievu sabiex jgħinu lin-nies tagħhom b'kurruzzjoni jdaħħlu fi bwiethom u fil-bwiet ta' ħbiebhom kwantitajiet kbar ta' flus?

• Huma l-gvernijiet li "b'karità paternalistika" jippużaw li huma d-difensuri tal-foqra imma mhumiex għajr sfruttaturi... morda bil-poter... dittaturi... u opportunisti?

• Huma dawk in-nies li, wara li jduru dawra mad-dar, jiġbru l-imbaraz u l-affarijiet li m'għandhomx bżonn u



biex jeħilsu minnhom jibagħtuhom għall-missjoni?

• Huma dawk it-turisti li jmorru jżuru dawn il-pajjiżi sabiex sesswalment jisfruttaw lit-tfajliet, lit-tfal, lin-nisa li dawn iċedu mhux daqstant għall-imħabba, lanqas għall-pjaċir imma sfurzati minħabba l-bżonn għax huma tant mejtin bil-ġuħ li kull ċenteżmu jiġi minn fejn jiġi u jiġi kif jiġi jaċċettawh?

Mulej, dawn huma ċirinej foloz li qed jgħixu minn fuq dahar il-fqir u l-batut. Imma inti Mulej tibgħat lill-missjunarju tiegħek li jħalli lill-ġenituri tiegħu, lil ħbiebu, lil art twelidu u l-kultura li jkun trabba u għex fiha sabiex b'tant sagrifiċċji f'ismek jagħmel minn kollox sabiex jerfa' s-salib ta' dawn in-nies speċjalment permezz tax-xandir tal-Kelma tiegħek għax fuq kollox "il-bniedem mhux bil-ħobs biss jgħix... "

**Talba: Grazzi Mulej li inti b'dan il-mod ta' l-għaġeb titfa' mħabba hekk kbira fil-qlub ta' tant missjunarji u ta' tant nies oħrajn li jgħinuhom bit-talb u b'offerti materjali bil-għan li s-salib li qed iġorr dan il-poplu tiegħek magħkus u maħqur, jittaffa... u jiġi merfugħ bit-tama sħiħa fil-ħelsien u l-qawmien... għax din hi l-wegħda tiegħek li qatt ma tiġi nieqsa.**

## IS-SITT STAZZJON



### IL-VERONIKA TIXXOTTA WIĊĊ ĠESÙ

Din hija s-sejħa ta' kull nisrani, imma b'mod speċjali ta' kull missjunarju li kontinwament qiegħed miexi l-mixja tal-Kalvarju jissieħeb b'solidarjetà nisranija ma' ħafna



nies li qed ibatu, jerfgħu s-salib tqil tal-mard, tal-ġuħ, tal-miżerja u ta' l-inġustizzji. Din hija s-sejħa ta' kull min jiltaqa' mal-bniedem li qiegħed, b'xi mod jew ieħor, ibati, speċjalment minħabba l-konsegwenzi tad-dnubiet ta' l-oħrajn. Hija s-sejħa li filwaqt li jersaq lejn il-bniedem batut u miskin, mhux daqstant jilmaħ fih il-wiċċ doloruż u batut tiegħek Mulej Ġesù, imma wkoll jistampah... mhux fuq maktur jew liżar, imma f'qalbu mimlija mħabba għal ħutu l-bnedmin.

Jekk kull nisrani, jekk kull saċerdot, reliġjuż, reliġjuża u wisq iżjed missjunarju ma jgħaddix minn dan il-proċess fejn f'kull bniedem jilmaħ lilek u f'kull ħlejqa li qed tbati jara l-wiċċ doloruż tiegħek, kull ħidma li jwettaq, tajba kemm hi tajba, ma tkunx ġejja u ispirata minnek imma pjuttost tkun biss ħierġa minn sentimenti umani... filantropija umana... interessi u glorja personali.

**Talba: Mulej, int għadek għaddej mit-toroq tagħna mgħobbi s-salib, int għadek mimdud, imsammar mas-sodod ta' l-isptarijiet, inti għadek qed tbati s-solitudni tal-Ġetsemani f'tant persuni li jinsabu weħidhom, int għadek qed tiġi mneżża' mid-dinjità, mir-rispett, mid-drittijiet umani, ittradut u miċħud, mibjugħ u maqtul għalkemm bla ħtija f'tant miljuni ta' ħutna l-bnedmin. Agħtina qalb mgħammda bin-nar ta' l-Ispirtu tiegħek sabiex f'dawn ħutna naraw lilek u permezz ta' dawn ħutna lejk nersqu sabiex nixxuttaw id-dmugħ u d-demm ħiereġ mill-ġrieħi tiegħek.**

minn Marika J. Gauci GiFra

# In-nisrani, il-ħolqien u l-ambjent

***"U ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1: 31)***

## Kelmtejn mill-isqfijiet

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema 2002, l-isqfijiet tagħna kitbu ittra pastorali bis-suġġett: "Dmirna fil ħarsien tal ħolqien u l ambjent". F'din l-ittra huma spjegaw kif bil-mod ta' kemm u kif aħna napprezzaw u nieħdu ħsieb il-ħolqien, aħna nkunu qegħdin nuru l-imħabba tagħna lejn Alla u lejn il-proxxmu.

Huma qalu wkoll li l-Maltin għandhom ikunu favur għarfien li l-ħolqien qiegħed hemm għall-bnedmin kollha u għalhekk il-ħarsien tal-ħolqien iwassal biex jitgawda mill-ġenerazzjonijiet ta' llum u ta' għada.

Kull wieħed u waħda minna għandna r-responsabbiltà li nħarsu l-arja, l-art agrikola u l-baħar, kif ukoll li nnaqsu t-tinġis.

Il-ħarsien tas-saħħa u l-ħajja, kif ukoll ir-rispett ta' l-ambjent naturali, hu responsabbiltà kemm ta' l-awtoritajiet pubbliċi, kif ukoll ta' kull ċittadin li hu fir-responsabbiltà li jikkoopera u jobdi l-liġijiet imwaqqfa mill-awtoritajiet.

L-isqfijiet komplew jispjegaw li l-ulied għandhom jingħataw formazzjoni tajba mill-ġenituri tagħhom li, bil-kliem u bl-eżempju, jgħallmuhom iħobbu, jgħożżu u jħarsu l-ħolqien u l-ambjent.

Socjetà li tnissel u tkabbar imħabba u rispett lejn il-ħolqien u l-ambjent, tkun qed tinvesti f'ċittadini ta' karattru u b'sens ta' solidarjetà umana. Ċittadini dixxiplinati u ta' karattru huma l-akbar ilqugħ tas-socjetà kontra t-tkasbir tal-ħolqien u l-ambjent.

## Tagħlim mill-katekiżmu tal-Knisja kattolika

Fil-katekizmu tal-Knisja kattolika hemm noti importanti dwar il-ħolqien. Fi ftit kliem dawn huma:

- Kollox kien maħluq min Alla.
- Kull ħlejqa ġiet maħluqa b'perfezzjoni. "Il-ħlejjaq kollha ta' kull xorta li Alla ħalqhom skond is-sura proprja tagħhom, jirriflettu, kull waħda, skond il-manjiera tagħha, raġġ ta' l-għerf u t-tjieba bla qjies ta' Alla. Hu għalhekk li l-bniedem hu fid-dmir li jirrispetta t-tjieba proprja ta' kull ħaġa maħluqa, biex jevita li juża b'mod diżordinat il-ħlejjaq, ħaġa li hi ta' stmerrija..." (339).
- Alla ried li l-ħlejjaq kollha jkunu jiddependu minn xulxin. Hu għalhekk li sa l-inqas wieħed minn dawn il-ħlejjaq huwa fir-responsabbiltà tagħna li jiġi mħares. Dan jikkoinċidi ma' sforzi minn ħafna ekoloġisti u konservazzjonisti li jsostnu li l-qerda ta' ħlejqa waħda jista' jkollha konsegwenzi drammatiċi fuq il-kumplament tal-ħlejjaq l-oħra li jgħixu madwarha u jiddependu fuqha. Dan għaliex, fin-natura spiss insibu li l-ħlejjaq jgħixu wieħed minn fuq l-ieħor: il-famuż kunċett li, fil-film tant ħelu *The Lion King,* jissejjaħ 'iċ-ċirku tal-ħajja' (*the circle of life*).
- Alla ħalaq kollox tajjeb, b'ordni u armonija. Dan spiss jaffaxxina lil dawk l-għorrief li jiskopruha. "Il-ġmiel tal-ħolqien hu rifless tal-ġmiel bla qjies tal-ħallieq" (341).
- Alla jħobb il-ħlejjaq tiegħu kollha, iżda l-bniedem hu fil-quċċata tal-ħolqien. "Intom aktar minn ħafna għasafar tal-bejt tiswew" (Lq 12: 7). ❑



# 90 SENA PARROĊĊA U 40 SENA ORDNATI PRESBITERI

Din is-sena, il-Parroċċa tat-Trinità Mqaddsa, il-Marsa, qed tfakkar id-90 sena minn meta saret Parroċċa, jiġifieri, fit-13 ta' April 1913. Dawn il-festi bdew is-sena l-oħra b'quddiesa minn Mons. Isqof, Annetto Depasquale, nhar it-Tnejn 13 t'April 2002. Matul dan iż-żmien saru diversi attivitajiet li bihom intlaħqu bosta persuni: anzjani, xebbiet, żgħażagħ, tfal, xebbiet u ġuvintur, u għall-familja kollha. Saru wkoll tliet laqgħat ta' katekeżi minn Ħuna Martin Micallef dwar it-Tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa mill-aspett Bibliku. Minbarra dan, il-Kappillan Ħuna Emanuel Abela flimkien mal-fraternità lokali ta' din il-parroċċa ħasbu biex jorganizzaw quddiesa konċelebrata għal dawk is-saċerdoti li kienu ġew ordnati Presbiteri f'din il-knisja erbgħin sena ilu, jiġifieri fid-9 ta' Marzu 1963. B'kollox kienu ġew ordnati 14-il presbiteru. Il-quddiesa li biha ġie mfakkar dan l-avveniment saret nhar il-Ħadd, 2 ta' Marzu 2003 u din ġiet immexxija mill-Ministru Provinċjal, Ħuna P. Crispin Tabone, filwaqt li l-omelija ta' l-okkażjoni saret minn P. Alfred Calleja, Ministru Provinċjal tal-Franġiskani Konventwali f'Malta u li kien wieħed minn dawk li ġew ordnati ma' dan il-grupp. Flimkien ma' dawn kien hemm mill-Provinċja tagħna, Ħuna Luigi Saliba, Pacifiku Guzman u Valent Calleja.





## GĦAJNUNA GĦAS-SEMINARJU T'GĦAWDEX



Is-Seminarju tad-Djoċesi ta' Għawdex, għadu kemm għażel lil P. Franco Fenech OFMCap biex jgħin fid-dixxerniment taż-żgħażagħ li jitolbu biex jibdew il-formazzjoni tagħhom f'dan is-Seminarju. Ħuna Franco ser ikun inkarigat mill-*assessment* psikoloġiku ta' dawn il-kandidati.

## CHAPLAINCY F'MCast





Il-Kurja ta' l-Arċisqof għadha kemm talbet lill-Provinċja tagħna biex nibdew nagħtu s-servizz tagħna f'*chaplaincy* li għandha titwaqqaf fl-iskola magħrufa *MCast* f'Raħal Ġdid. Ħutna P. Franco Fenech, P. Effie Mallia u P. Joe Giuliano ser jaħdmu flimkien f'din il-ħidma ġdida.

## Għajnuna Professjonali fl-Isptar San Luqa

*SANDS (Still and Neo-Natal Death Society)* għadha kemm għażlet lil P. Joe Calleja OFMCap biex jgħin bħala konsulent fil-ħidma tiegħu ta' psikoloġista. *SANDS* hija soċjetà internazzjonali u li tagħmel parti mill-Moviment ta' Kana li jaħdem fl-isptar San Luqa. L-iskop ta' din is-soċjetà huwa li tipprovdi *support groups* lil dawk il-ġenituri li jkunu tilfu t-tarbija tagħhom qabel it-twelid jew immedjatament wara t-twelid. Dan Ħuna ser jagħti s-servizz tiegħu wkoll fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza u ta' l-Inċidenti. Il-*Manager* ta' dan id-Dipartiment għadu kemm ifforma grupp *ad hoc* li jikkonsisti minn tabib, żewġ *nurses* u Ħuna Joe biex flimkien jivvalutaw programmi b'indirizz għan-*nurses* li jaħdmu f'dan l-isptar. Fost l-attivitajiet, qed jiġu organizzati laqgħat dwar ċerti trawmi li jgħaddu minnhom dawn in-*nurses* fil-ħidma tagħhom f'dan l-akbar sptar f'Malta.



## L-Aħwa Franġiskani f'Kuba

L-Aħwa Franġiskani Kapuċċini li hemm jaħdmu bħala missjunarji f'Kuba jiltaqgħu flimkien kull tant żmien għal ġranet ta' rtiri u laqgħat, evalwazzjoni u pjanifikazzjoni tal-ħidma pastorali-missjunarja li qed iwettqu. L-aħħar laqgħa li kellhom, il-ħames patrijiet Kapuċċini Spanjoli flimkien ma' Ħuna Fr. Philip Cutajar, l-uniku missjunarju Kapuċċin Malti, iltaqgħu biex jagħmlu evalwazzjoni tal-ħidma tagħhom.



Laqgħa oħra saret bejn il-Franġiskani kollha (patrijiet, sorijiet u l-kunsill ta' l-OFS) li hemm jaħdmu fid-Djoċesi ta' Santa Klara.

Fid-Djoċesi ta' Santa Klara l-kariżma Franġiskana hija preżenti permezz ta' tliet Franġiskani Kapuċċini, żewġ Franġiskani Minuri, erba' Sorijiet Kapuċċini ta' Marija Omm ir-Ragħaj Divin (kongregazzjoni Spanjola), tliet Sorijiet Frangiskani ta' l-Immakulata Kunċizzjoni (kongregazzjoni Spanjola) u mitejn u ħamsin membru fl-OFS.

## Ħidma fl-Università ta' Malta



Wara s-sejħa li saret mill-Università ta' Malta għall-post vaganti fid-Dipartiment ta' l-Iskrittura tal-Fakultà tat-Teoloġija, P. Martin Micallef OFMCap ġie magħżul bħala *Assistant Lecturer* b'seħħ mill-1 ta' Frar 2003. Din hija t-tielet sena li dan Ħuna kien qed jgħallem f'din l-istess Università bħala *Guest Lecturer*.

## Ċertifikati Letterarji





Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2003, saret ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet marbuta mal-Konkors Premju Letterarju 2001/2002, imniedi mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Ħutna Franġisku Azzopardi u Raniero Zammit kienu daħħlu għall-Konkors xogħol kull wieħed tagħhom. Il-kotba huma: *"Roberto Novella da Eboli Francescano predicatore a Malta (1565) e a Mantova (1568)"*, u "L-Isqof Franġisku Saverju Fenech OFMCap u l-missjoni tal-Kapuċċini Maltin fl-Indja (1923-1980)" rispettivament. Iż-żewġ kotba ġew magħżulin mill-ġurija u ngħataw ċertifikat u premju xieraq kull wieħed.

Iċ-ċerimonja kienet preseduta minn l-Onor. Dr. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni, li qassam il-premjijiet u ċ-ċertifikati. Iċ-ċerimonja saret fi *Studio 1* tat-televiżjoni Maltija u ntweriet *live* fuq it-televiżjoni. Nifirħu lil dawn Ħutna u nawgurawlhom iżjed ħidma storiko-letterarja għal li ġej.

## Missjunarji Fostna

Bħalissa jinsabu hawn fostna xi wħud minn ħutna l-missjunarji li nawgurawlhom ġranet ta' mistrieħ.

Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi fil-Kenja, wasal Malta nhar it-Tlieta, 15 ta' April.

P. Silvestru Bonavia OFMCap ser iżurna għal matul l-ewwel ġimgħa ta' Mejju. P. Silvestru preżentement qed jaħdem bħala missjunarju fit-Tanzanija.

P. Joe Galea OFMCap għandu jasal Malta fl-14 ta' Mejju minn Hola fil-Kenja fejn issa ilu għal bosta snin.

## 50 sena mir-rikonjizzjoni ta' Fra Baskal OFMCap



Fis-6 ta' April 1953, quddiem in-Nutar Francesco Refalo u x-xhieda: P. Pietru Mamo (Provinċjal) u E.T. Mons. Ġużeppi Pace Isqof ta' Għawdex, ittella' l-katavru ta' Fra Baskal mill-qabar. Preżenti kien hemm ukoll Patri Angeliku Gatt (Gwardjan), is-Sur Edgar Monanaro (Kummissarju għal Għawdex), Dr. Anton Tabone u għadd ta' nies fosthom neputijiet ta' Fra Baskal.

Wara li t-tebut ġie miftuħ, il-katavru ta' Fra Baskal ġie mqiegħed f'tebut ġdid taż-żingu. Fuq sider il-katavru tpoġġa stoċċ tal-ħġieġ bil-ħajja tiegħu fil-qosor miktuba fuq pergamena. It-tebut ġie ssiġillat b'żewġ siġilli, wieħed ta' l-Isqof ta' Għawdex u l-ieħor tal-Provinċjal u tpoġġa ġo urna tal-kewba li għadha tinsab fil-kannierja tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.



Nhar il-Ħadd, 6 t'April 2003, ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-istess Santwarju.

## Imut l-Arċisqof ta' Bhopal



Nhar it-8 ta' Marzu 2003 miet Mons. Ewġenju D'Souza, fl-għomor ta' 85 sena, li sal-1994 kien l-Arċisqof ta' Bhopal, l-Indja. Ta' 34 sena sar isqof ta' Nagpur. Fl-1963 ġie maħtur Arċisqof ta' Bhopal. Bejn is-snin 1977 u 1987, għadd ta' missjunarji Kapuċċini Maltin ħadmu miegħu fl-Arċidjoċesi ta' Bhopal f'diversi stazzjonijiet u parroċċi (ritratt: mix-xellug: P. Maurice Cassar, P. Raniero Zammit Vigarju Ġenerali, P. Marcellinu Vella u P. George Bezzina). Huwa żar Malta darbtejn biex irodd ħajr lis-superjuri tal-Provinċja għall-għajnuna siewja li tawh il-missjunarji tagħna. Kellu dejjem kliem ta' tifħir għax-xogħol li wettqu.

Il-funeral *praesente cadavere* sarlu fil-*compound* ta' *St. Francis of Assisi Cathedral*, Bhopal u ġie midfun fl-istess Katidral.

## PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA

### IS-SEWDA

Din il-kitba ta' P. Hilary Abela OFMCap mhiex xi rumanz komuni mibni fuq l-istħajjil imma storja jew aħjar stejjer ta' realtà li għexhom l-awtur innifsu.




"Is-Sewda" - kif isejjaħ lit-tfajla li ressaq lejn Alla sa minn twelidha - hija xhieda tal-valuri sbieħ li l-missjunarju għaraf u seħħlu jnissel f'qalb ta' nies li kienu sajmin għal kollox mill-ġmiel tat-twemmin li mar iwas-slilhom. Hekk ukoll huwa ż-żgħażagħ li qed jitħejja biex jimla l-vojt ta' għada. Hija sensiel ta' ġrajjiet li żżommok xewqan li taqraha f'nifs wieħed.

IS-SEWDA, pubblikazzjoni tal-Franġiskani Kapuċċini u stampat mill-P.E.G. Ltd, San Ġwann, huwa ktieb ta' 144 paġna u jinbiegħ għall-prezz ta' LM1.75ċ.

### IL-MISTERI TAD-DAWL

Permezz ta' dan il-ktieb P. Martin Micallef OFMCap jagħti tweġiba għas-sejħa li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel fl-Ittra Appostolika *Rosarium Virginis Mariae* (n 43) sabiex dawk li huma responsabbli mit-tagħlim tal-poplu, bir-riflessjoni għarfa msejsa fuq il Kelma ta' Alla u sensittiva għall-esperjenza ħajja tal-poplu nisrani, jgħinuhom isibu l-bażi biblika, l-għana spiritwali u s-siwi pastorali ta' din it-talba tar-rużarju. Dan il-ktieb jiġbor fih: qari mill-Evanġelju, riflessjonijiet Bibliċi fuq kull Misteru tad-Dawl u talb għar-rużarju meditattiv.




Dan il-ktieb, pubblikazzjoni oħra tal-Provinċja tal-Kapuċċini Maltin, għandu preżentazzjoni sabiħa ħafna b'diversi stampi kuluriti.

# Tislima lill-Verġni Mqaddsa Marija

## *Tifħir ta' San Franġisk*

*Sliem għalik,*
*o Sinjura qaddisa, u Sultana,*
*omm imqaddsa ta' Alla,*
*xebba li sirt Knisja!*
*Magħżula mill-Missier*
*l-aktar qaddis tas-sema,*
*u minnu kkonsagrata,*
*flimkien ma' Ibnu l-Għażiż*
*u l-aktar Qaddis,*
*u ma' l-Ispirtu s-Santu,*
*id-Difensur.*
*Fik kien hemm u hemm*
*il-milja tal-grazzja*
*u ta' kull ġid.*
*Sliem għalik, palazz tiegħu;*
*Sliem għalik, tabernaklu tiegħu;*
*Sliem għalik, dar tiegħu;*
*Sliem għalik, ilbies tiegħu;*
*Sliem għalik, qaddejja tiegħu;*
*Sliem għalik, Omm tiegħu!*



NOVELLA

*minn Dorian Holland OFS*

# Min jaf minn fejn ġie?

Kien għall-ħabta tas-sitta ta' fil-għodu li bħal sajjieta fil-bnazzi ġriet l-aħbar li l-Konti ta' Hautville instab mejjet fis-sodda mis-servjent li ħareġ jgħajjat b'xokk kbir fuqu f'nofs it-triq.

In-nies ta' dak il-villaġġ żgħir li jinsab imgeddes bejn żewġ mutanji fin-naħa ta' fuq ta' l-iSvizzera malajr inġabru b'diqa kbira quddiem il-kastell biex jaraw jekk din l-aħbar kinitx veru jew le.

Wara xi ftit minuti ħareġ il-patri Kapuċċin jismu Ġeremija li b'vuċi mbikkma qalilhom li l-Konti kien għadda għall-ħajja ta' dejjem.

F'daqqa waħda, b'leħen wieħed, il-folla miġbura nfexxet tibki għax kienu tilfu raġel li kien tassew ħanin u tant kien iħobbhom .

Il-villaġġ ta' Hautville kien kollu proprjetà tal-Konti u, b'inizjattiva personali tiegħu, in-nies kienu jaqalgħu l-għejxien tagħhom minn hemm. Ħadd minnhom ma kellu għalfejn imur ifittex ix-xogħol ġo xi pajjiż 'il bogħod għax il-Konti kien ħasbilhom għal kollox.

Kienu jaħdmu fl-għelieqi tad-dwieli li minħabba l-pożizzjoni tal-villaġġ l-inbid li kien joħroġ minn hemm kien imfittex minn bosta restoranti ta' l-Ewropa u b'hekk xogħol kien hemm bir-radam. Kien ukoll bnielhom skola għat-tfal tagħhom biex b'hekk dil-komunità żgħira setgħat tkun verament kuntenta .

Patri Ġeremija, kif ra dik ix-xena quddiemu ħass li kellu jieħu r-riedna f'idejh biex almenu jipprova jġib ftit ta' l-ordni.

"Ejjew ejjew! Agħmlu ftit tal-kuraġġ! Kulħadd imur lura d-dar u għada niltaqgħu l-knisja biex nippreparaw għall-funeral tal-Konti ħalli nagħmlulu quddiesa tassew mill-isbaħ għax dar-raġel kien veru qaddis u ta' ruħ tajba. Issa jiena rrid inċempel malajr lil Pietru, it-tifel tal-Konti li jinsab Ġinevra, biex ngħidlu bl-aħbar ħażina .

Pietru, kif sema' l-aħbar, kien tassew sorpriż għax kien jaf li missieru fiżikament kien b'saħħtu. Telaq dak il-ħin stess lejn il-villaġġ .

Wara li taw l-aħħar tislima wieħed mill-irġiel, Lwiġi, li kien speċi l-kelliem għan-nies tal-villaġġ, qal li Patri Ġeremija: "Issa x'se jsir minna? Kollox mitluf, donnu!"

"Le le" qallu l-patri, "Issa ma' l-ewwel ċans inkellem lil Pietru u naraw li l-affarijiet jibqgħu għadejjin kif kienu qabel".

Din, Patri Ġeremija, ma tantx qalha b'konvinzjoni għax kien jaf li Pietru ma tantx kien jimpurtah mill-villaġġ, iktar u iktar min-nies tal-villaġġ. Moħħu kien biss fuq li jixtri affarijiet ta' l-arti li kien iżomm f'sala kbira ġol-kastell u li ħadd ma kien jista' jidħol għax kien jibża' li xi ħadd imisslu xi ħaġa.

Wara xi ġimgħa mill-mewt tal-Konti, Patri Ġeremija talab biex jitkellem ma' Pietru, u dan laqgħu fil-kastell. "Ġejt inkellmek ftit minħabba s-sitwazzjoni li ninsabu fiha issa li l-Konti ħalliena u n-nies tal-villaġġ jinsabu ftit inkwetati għall-futur tagħhom" qallu Patri Ġeremija.

Pietru ma qagħadx joqgħod ilaqlaq, u qallu: "Jiena miniex biħsiebni li noqgħod ngħix hawn u diġà kelli offerta tajba għall-għellieqi mingħand wieħed li jixtieq jibni lukanda għat-turisti, għax kif taf int hawnhekk għal *sking holiday* huwa famuż.



U barra minn hekk għandi bżonn xi ftit flus mhux ħażin biex inkompli l-kollezzjoni tiegħi ta' l-arti".

Patri Ġeremija ħass għafsa ta' qalb meta sema' dal-kliem, però ma qatax qalbu għax dejjem kien jemmen fil-providenza ta' Alla.

"Imma Sur Piet," qallu "dawn in-nies ser jitilfu l-għejxien tagħhom u d-djar tagħhom; f'kelma waħda, kollox, u int tista' tkun strumentali li dan ma jseħħx".

"Ara, Patri Ġeremija, m'għandix aptit nitkellem fuq dawn l-affarijiet bħalissa, imma ejja ftit miegħi ġos-sala fejn inżomm it-teżor tiegħi tal-arti. Hekk u hekk int qatt ma rajtha l-kollezzjoni li rnexxieli nixtri".



Patri Ġeremija dak il-ħin kellu aptit jaqbad 'il Pietru minn għonqu u jifgah peress li s-sitwazzjoni kienet tassew tal-biki u dan kien moħħu biss fl-arti. Imma ma kellux triq oħra u telaq jimxi warajh.

Hekk kif waslu ħdejn is-sala Pietru ordna lis-servjent biex jiftaħ l-erba' bibien għall-arja, għax kien ilu ma jidħol u wkoll biex Patri Ġeremija ikun jista' jara sew.

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn il-kollezzjoni dehret li kienet tassew impressjonanti u Patri Ġeremija baqa' mbellah bil-pitturi, tapizzerija u vażuni ta' kull daqs. Hekk kif Pietru beda jispjegalu minn fejn kienu ġejjin dawn ir-rikkezzi kollha, Toni, is-servjent, kien qed jiftaħ l-aħħar bieb, meta nstema' ħoss li jtarrxek.

Pietru u Patri Ġeremija qabżu qabża qishom ħadu xokk kbir u t-tnejn daru biex jaraw x'ġara.

Toni kellu lewnu abjad karti għax, hu u jiftaħ l-aħħar bieb, bi żball laqgħat vażun li kien fuq tavolina maġenb il-bieb.

Patri Ġeremija dar fuq Pietru u baqa' ċċassat għax wiċċ Pietru kien qisu vulkan se jiżbroffa. Għajjat għajta ta' wieħed miġnun: "X'għamitli? Kissirtli wieħed mill-vażuni l-aktar rari! Itlaq 'il barra min hawn u tidħolx iktar f'din il-kamra; anzi, tidħollix f'dal-kastell!" Toni telaq jiġri 'l barra mbikkem għax il-Konti, missier Pietru, qatt ma kien kellmu b'dak it-ton li donnu jrid joqtlu.

Patri Ġeremija, biex speċi jikkalma s-sitwazzjoni qal lil Pietru: "Sur Pietru, veru li hija ħasra li Toni kissirlek il-vażun, imma ma kellekx għalfejn tkellmu b'dak il-mod. Tinsiex li Toni ilu servjent ta' missierek għal erbgħin sena, u dejjem qeda dmiru sew u b'imħabba kbira. Ma kellekx għalfejn tkeċċih 'il barra mill-kastell għal żball wieħed".

"Dak mhux żball, patri. Dak sagrileġġ tkisser xi ħaġa bħal dik," wieġeb Pietru.

Fil-pront instema' l-ħoss tat-telefon, u Pietru rrisponda: "Hello! Min int?". Kien Franz, l-aġent tiegħu, li kien joqgħod attent li meta titfaċċa xi biċċa ta' l-arti, kien jgħidlu biha.

"Patri, ikolli nitlaq malajr Ġinevra għax hemm xi rkant tajjeb. Nitolbok tiskużani. Il problema tal-villaġġ nitkellmu fuqha meta niġi lura, xi jumejn oħra. Patri Ġeremija ma seta' jagħmel xejn dak il-ħin u, b'qalbu sewda, ħareġ mill-kastell biex imur lura l-knisja fejn hemm kien isib il-mistrieħ. Iżda, hekk kif wasal fil-viċinanza tal-knisja, induna li n-nies tal-villaġġ kienu nġabru kollha, u Lwiġi, kif lemaħ il-patri, ġera fuqu u qallu: "X'qallek is-Sur Piet? X'ser jsir minna?"

"Wiġ, għal issa għadu ma ddeċidiex. Naf kemm intom u jien magħkom aħna ħerqana biex inkunu nafu l-futur tagħna. Iżda nafdaw fil-Mulej. Issa, li kulħadd qiegħed hawn, ejjew ilkoll nidħlu quddiem Ġesù Sagramentat u nitolbuh jinterċiedi għalina u jsir kollox skond ir-rieda tiegħu". U hekk għamlu.

Kif kienu qegħdin ġewwa l-knisja jitolbu qam maltemp kbir, b'xita qawwija u riefnu li kemm kien ilu joqgħod hemm Patri Ġeremija qatt ma kien jiftakar li kienu qamu rwiefen daqshekk qawwijin, avolja l-villaġġ kien qalb il-muntanji. Għalhekk dar fuq Wiġi u qallu: "Isma' Wiġ, aħjar norqdu lkoll fil-knisja għax il-maltemp donnu se jdum ma jgħaddi. Mur fil-kamra ta' ġewwa u ġib dak kollu li għandna bżonn biex noqogħdu komdi. Għid lin-nisa biex jidħlu fir-refettorju ha jlestu xi ħaġa ta' l-ikel għal kulħadd".

Spiċċaw jagħmlu tlett ijiem ġewwa l-knisja għax il-maltemp kien wieħed qawwi tassew. Wara t-tielet jum instema' taħbit mal-bieb tal-knisja. Patri Ġeremija mar jiftaħ u sab lil Pietru ma' wiċċu f'qagħda xejn sabiħa.

"Xi ġralek Pietru? Qisek rajt xi fatat!" staqsieh Patri Ġeremija.

"Rajt fatat? Agħar minn hekk! Xi ħadd minn dawn

daħal fis-sala u kissirli kollox! Dan kollu t-tort tiegħek, Patri, għax forsi għedtilhom li jiena biħsiebni nbigħ l-għellieqi u għamluli vendikazzjoni".

"X'inti tgħid Pietru? Mela sejjer minn moħħok? Aħna ilna hawn ġol-knisja għal tlett ijiem sħaħ minħabba l-maltemp. U lanqas li kieku! M'hawn ħadd minn dawn in-nies li se jagħmel xi ħaġa bħal din".

"Ma nafx" qal Pietru mfixkel għall-aħħar. "Ejjew kollha miegħi ħa taraw x'diżastru!"

Kulħadd qabad jimxi wara Pietru għal ġol-kastell. Waqt li kienu kważi waslu, Patri Ġeremija waqaf għal mument iħares lejn l-għellieqi u ra xi ħaġa differenti. Hekk kif kien sejjer jagħti titwila Pietru għajjatlu: "Għaġġel Patri Ġeremija ħa tara d-diżastru li hawn!"

Kif daħal ġewwa s-sala baqa' mbellah. Kollox imkisser, imfarrak u ma tagħraf xejn min dawk ir-rikkezzi kollha li kien ra xi tlett ijiem qabel.

Dak il-ħin verament ħass għal Pietru, u mar fuqu u qallu: "Għandek raġun Pietru li tħossok daqshekk irrabjat u mfixkel; imma dan mhux xogħol ta' bniedem; ma jistax ikun".

Qabeż Pietru u qal: "Mela x'taħseb li kien Patri?"

Patri Ġeremija ma kellux risposta, però f'daqqa waħda ftakar f'dak il-mument li huwa hu dieħel ġol-kastell ra xi ħaġa stramba fl-għellieqi.

"Pietru, agħtini ħames minuti. Dalwaqt ġej". U mingħajr ma stenna risposta ħareġ jiġri 'l barra jlebbet



lejn l-għellieqi. Kif wasal qal: "Imma possibbli? ... Iva hekk hu!"

Reġa' telaq lejn il-kastell għal ġos-sala u qal lil Pietru: "Naf min ikkawżalek din it-traġedja kollha."

Qabeż Pietru pront pront: "Għidli min hu ħalli nċempel lill-pulizija u jieħu dak li ħaqqu".

"Bil-mod, bil-mod Pietru. Min hu ma tista' tagħmillu xejn!" ipprova jispjegalu Patri Ġeremija.

"X'inti tgħid? Int se ġġenninni, Patri!" interrompieh Pietru.

"Ħa ngħidlek Pietru. Inti dakinhar li tlaqt malajr malajr għal Ġinevra, meta ċempillek l-aġent tiegħek, il-bibien għalaqthom?" staqsieh il-patri.

"Nagħlaq il-bibien jiena?" sploda Pietru offiż "mela s-servjent Toni qiegħed hawn għal... ". U dak il-ħin Pietru waqaf zopptu.

"Għal xejn?" kompla Patri Ġeremija. "Inti, meta konna fis-sala keċċejtu barra lil Toni minħabba li waqqagħlek il-vażun. U allura ħadd ma seta' jagħlaq il-bibien. Taf x'maltempata kien hawn għal tlett ijiem sħaħ u, kif isejjaħlu missierna San Franġisk, 'ħuna r-riħ' kellu xalata bil-bibien miftuħin. Għalhekk mort nittawwal fl-għellieqi għax hemm ħafna tifrik li tar mar-riħ".

Pietru qisu ma riedx jemmen dak li kien qed jisma'. Imma kien sema' li l-forza tar-riħ kienet qawwija ħafna u seta' jimmaġina x'ġara.

Pietru dar fuq in-nies tal-villaġġ u qalihom: "Forsi din kienet tagħlima għalija li tajt kas ħafna tal-materjaliżmu u kont egoista ħafna fil-konfront tagħkom, intom li dejjem ħabbejtu lil missieri. Nitlobkom taħfruli".

Patri Ġeremija qallu: "Pietru, din tista' tkun tagħlima mhux għalik biss imma għal kulħadd għax irridu dejjem ngħinu lil min hu inqas ixxurtjat minna. F'kelma waħda rridu nibnu dejjem fuq il-blat ħalli meta tinżel ix-xita, jiġu l-wieden, iqumu l-irwiefen u jħabbtu fuq dik id-dar, hi ma tiġġarrafx; imma jekk nibnu fuq ir-ramel, tinżel ix-xita, jiġu l-widien, iqumu l-irwiefen u jaħbtu fuq dik id-dar u tiġġarraf u kbira tkun il-qerda tagħha".

"Għandek raġun Patri. Illum nista' ngħid li kkonvertejt. Tħabblux raskom aktar. Jien se nibqa' hawn magħkom u nimxi fuq il-passi ta' missieri".

Kif qal hekk in-nies tal-villaġġ daru ma' Pietru; min ibusu, min itaptaplu fuq daru. Pietru mal-ewwel ħass bidla ġo fih, bidla ta' ferħ.

Wara li n-nies telqu lura lejn djarhom Pietru dar fuq Patri Ġeremija u qallu: "Kos, stramba din, għal dal-perijodu taż-żmien mhux soltu li jkun hawn dal-maltemp kollu. Min jaf minn fejn ġie?"

Patri Ġeremija ħares waħda lejn is-sema u, bit-tbissima fuq fommu, qal: "Sewwa qiegħed tgħid Pietru MIN JAF MINN FEJN ĠIE?" ❑

# L-Isbaħ Fjura

minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap
Isqof ta' Malindi, Kenja

Fil-ġnien
kont mitluf
indur minn qasrija għal qasrija,
minn pjanta għal pjanta
u minn siġra għal siġra,
nifli l-weraq u l-fjuri:
bl-għamliet u l-qisjien,
bl-ilwien u l-fwejjaħ tagħhom:
min għadu blanzun u min qiegħed jiftaħ
u min jiddandan bl-isbaħ dehra li tiġbdek
issaħħrek u xxenqek biex tgħaddi
minn fjura għal fjura,
għatxan għal iżjed.
Kif kont hekk mitluf u msaħħar,
ħarist warajja,
fejn, fuq ġebla,
kien hemm tifel ta' sentejn,
anġlu ta' ġmiel u ħlewwa,
iħares lejja.
Ħarist f'għajnejh, f'ħaddejh, f'xufftejh,
w għajnejja ssammru fuqu
biex ma qlajthomx iżjed
biex nara l-fjuri!



# TISLIBA 34

minn P.Wistin ATTARD ofm cap



1. Kbira kienet din. (Ġdt 8, 19) (5)
2. Se ... u tiled iben. (Mħ 13, 3) (6)
3. Bogħaż qal lil dan. (Rt 4, 3) (5)
4. Kwalità ta' xtieli. (Żak 1, 10) (5)
5. Midd .... (Mk 3, 5) (4)
6. Hekk nagħmel, mhux qisni bl-addoċċ. (1 Kor 9, 26) (5)
7. Ismu jfisser saħħar. (Atti 13, 8) (5)
8. Dak li tkellem. (Ġw 6, 8) (5)
9. Qatt ma kien *kiel* minnu. (Għerf 16, 2) (3)
10. Lil min *jaqfel* hu. (Ġob 12, 14) (7)
11. u 12. Dan raġa' lura. (1 Sam 2, 11) (6)
13. Dan kellu d-dixxipli. (Apk 2, 6) (6)
14. Ħu ħsieb .... (Esd 7, 17) (5)
15. Eħfef minn dawn. (Lam 4, 19) (5)
16. ..., maħbub tiegħi. (Għan 8, 14) (5)
17. *Mort* hemmhekk. (Gal 2, 2) (5)
18. Pawlu, raġel *anzjan*. (Film 1, 9) (7)
19. Tat-tama tas-salvazzjoni. (1 Tess 5, 8) (4)
20. Iftaħ ħalqek u .... (Eżek 2, 8) (3)
21. U difnu fih. (Eż 2, 12) (5)
22. Ulied Sesan. (1 Kron 2, 31) (5)

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' APRIL:**
*1. Isulu; 2. Fejqan; 3. Iskot; 4. Ħalfu; 5. Ħmar; 6. Marid; 7. Stess; 8. Armla; 9. Luq; 10. Offerti; 11. u 12. Inċens; 13. Ninsab, 14. Żball; 15. Sitta; 16. Ġebla; 17. Binti; 18 u 20. Bastimenti; 19. Swar; 20. Ara 18.; 21. Lvant; 22. Lmaħt.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Mr. Mario Saliba – Nadur, Għawdex.**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).**

# Siltiet mill-Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-40 Ġurnata Dinjija ta' Talb għall-Vokazzjonijiet 11 ta' Mejju 2003

***"Ara l-Qaddej tiegħi li jiena ħtart, l-għażiż tiegħi li bih ruħi tgħaxxqet" (Mt 12, 18; ara Is 42, 1-4).***

Ġesù hu mudell perfett ta' qaddej li fuqu titkellem l-Iskrittura. Ġesù battal lilu nnifsu biex jieħu "n- natura ta' Isir" (Fil 2, 7) "biex ikun f'dak li hu ta' Missieru" (Lq 2, 49) biex ikun Ibnu l-għażiż li fih il-Missier sab il-għaxqa tiegħu (ara Mt 17, 5). "Ġesù ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mt 20, 28). Kien hu li ħasel ir-riġlejn tad-dixxipli tiegħu u obda sal-mewt anzi sal-mewt tas-salib" (Fil 2, 8) "għalhekk Alla għollieh u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem" (Fil 2, 9).

Kif nistgħu, fil-ġrajja ta' Ġesù qaddej, ma narawx il-ġrajja ta' kull vokazzjoni: il-ġrajja li l-ħallieq ħaseb għal kull bniedem, il-ġrajja li tgħaddi permezz tas-sejħa biex taqdi? Din hija l-ġrajja tal-vokazzjoni li kull persuna li tisma' meta Ġesù jsejħilha biex timxi warajh mill-qrib; jiġifieri biex is-sejħa li ssir saċerdot jew reliġjuż hija dejjem sejħa biex tkun ġeneruż u lest biex taqdi lil Alla u lill-proxxmu tiegħek. Li taqdi hija t-triq li tieħu u l-għajnuna biex tasal ħalli tifhem aħjar il-vokazzjoni tiegħek stess.

B'dan il-messaġġ irrid insemma' l-leħen ta' Ġesù biex nissuġġerixxi liż-żgħażagħ ħalli huma jaqdu u biex jegħlbu t-tentazzjoni li jaħsbu għal rashom; li ma jmorrux jaħsbu li meta jimxu għal rashom se jsibu l-kuntentizza tagħhom. Il-qlub ta' ħafna żgħażagħ huma lesti biex jinfetħu għall-oħrajn u l-iktar għan-nies fil-bżonn. Dan jagħmluh billi jinsew lilhom infushom biex jinteressaw ruħhom fil-persuni l-oħra.

Għeżież żgħażagħ li taqdi lill-oħrajn hija sejħa naturali għaliex il-bnedmin huma min-natura tagħhom qaddejja. Meta taqdi lill-oħrajn turi li inti liberu; li taqdi turi li inti responsabbli għal ħaddieħor. Kulħadd jista' jaqdi anki fl-iktar affarijiet żgħar, imma dawn isiru kbar għaliex isiru bl-imħabba.

Kull min hu msejjaħ biex imexxi l-Ewkaristija, is-sagrament ta' l-ikbar imħabba li offra l-Qaddej li jbati, huwa msejjaħ biex jgħaddi mill-istess esperjenza ta' Ġesù meta fl-Aħħar Ċena, Ġesù baqa' jħobb sa l-aħħar u saħansitra ta ħajtu għall-bnedmin.

Is-sejħa ta' Ġesù għada tidwi llum. Tibżgħux tilqgħuha. Żgur li ser tiltaqgħu ma' diffikutajiet u sagrifiċċji, imma tkunu hienja li taqdu, tkunu xhieda ta' dak il-ferħ li d-dinja ma tistax tagħti. Intom tkunu fjammi ħajja ta' mħabba infinita u eterna. Intom issiru tafu l-għana spiritwali tas-saċerdozju, rigal divin u misteru.

Inħarsu lejn Marija, Omm il-Knisja u l-Kewkba ta' l-Evanġelizzazzjoni. Nitolbu lilha biex qatt ma jonqsu fil-Knisja rġiel u nisa li lesti wieġbu bil-qalb għall-istedina ta' Ġesù li jsejjaħ biex inwasslu l-Evanġelju lil kulħadd. ❑



# ĠURNATA MISSJUNARJA B'RISQ IL-MISSJONI TAL-KAPUĊĊINI MALTIN



Nhar il-Ħadd, 1 ta' Ġunju 2003, hija l-Festa ta' Lapsi fejn il-Mulej qabel tela' s-sema bagħat lill-Appostli jgħallmu u jgħammdu lill-ġnus kollha.

Bħal fl-imgħoddi, din is-sena wkoll se tinżamm il-Ġurnata Missjunarja fil-Provinċja tagħna b'risq il-Missjoni tal-Kenja u ta' Kuba. L-għan ewlieni ta' din l-okkażjoni huwa dejjem li nħeġġu lill-ħbieb, benefatturi, membri ta' l-O.F.S. u lil kulħadd sabiex jingħaqad magħna fit-talb u l-quddies, sagrifiċċji u għajnuna, bħala solidarjetà lejn il-Missjunarji Kapuċċini Maltin u Kenjani, Sorijiet u Voluntieri Lajċi li qed jaħdmu hemm.

Għaldaqstant ser tinżamm Quddiesa Konċelebrata b'radd ta' ħajr lil Alla għal kull għajnuna li qed jagħtina.

Nistiednu għalhekk lill-ħbieb u lill-benefatturi tal-missjoni biex jiġu jaqsmu magħna l-ferħ ta' din l-okkażjoni.

## PROGRAMM

**Il-Ħadd, 1 ta' Ġunju, fis-6.30 p.m.**
**Quddiesa Konċelebrata fil-knisja tal-Franġiskani Kapuċċini, il-Floriana, immexxija minn**
**Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi fil-Kenja.**
***Wara jkun hemm riċeviment żgħir bħala apprezzament.***

## Għin fit-tixrid tal-Evanġelju billi tagħmel BORŻA TA' STUDJU

Borża ta' studju hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana
Tel: 2123 3874, 21 23 4949, 2122 5525



## *COFFEE MORNING* b'riżq il-missjoni tal-Kenja

Is-Segretarjat tal-Missjoni tal-Kapuċċini ser jorganizza *Coffee Morning* nhar it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2003, f'**The Palace Theatre**, Triq Ħal-Tarxien, Raħal Ġdid.
Jibda fid-9.00 a.m. Prezz Lm1.25ċ (Lm1.50 trasport inkluż).
Kull qliegħ imur għall-Missjoni tal-Kapuċċini fil-Kenja. Biljetti mingħand Mrs. Mary Farrugia Tel. 21 677389 jew mill-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana - Tel. 21 233874; 21 225525; 21 234949